ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 189

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

12 ta' Awwissu 2009

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 189/01 Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ........................ 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 189/02 Rata tal-kambju tal-euro ........................ 6



*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

2009/C 189/03 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-prattiċi restrittivi u pożizzjonijiet dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Settembru 2008 dwar abbozz preliminari ta' deċiżjoni fil-każ COMP/39.188 (1) – Banana ..... 7

2009/C 189/04 Rapport finali tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-Każ COMP/39.188 – Bananas *(skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA, tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' riferenza ta' uffiċjali tas-seduta f'ċerti proċeduri dwar il-kompetizzjoni – ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)* ..... 8

2009/C 189/05 Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-prattiċi restrittivi u pożizzjonijiet dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2008 rigward abbozz preliminari ta' deċiżjoni fil-każ COMP/39.188 (2) – Banana ..... 11

2009/C 189/06 Sommarju ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2008 dwar proċedura taħt l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE (Każ COMP/39.188 – Banana) *(notifikata bid-dokument numru C(2008) 5955 finali)* 12

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2009/C 189/07 Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ..... 15

2009/C 189/08 Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ..... 18

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni**

2009/C 189/09 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5605 – Credit Mutuel/Monabanq) (1) ..... 22

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

### Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

### Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(2009/C 189/01)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 17.4.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 16/09 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | Brandenburg |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Mesures de prévention contre des incendies de forêt (Miżuri ta' prevenzjoni kontra n-nirien tal-foresti) |
| Il-bażi legali | Richtlinie des Ministeriums für ländliche Entwicklung, Umwelt und Verbraucherschutz des Landes Brandenburg zur Gewährung von Zuwendungen für die Förderung forstwirtschaftlicher Maßnahmen und der Verwaltungsvorschriften zu §§ 44 der Landeshaushaltsordnung |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Titjib tal-prevenzjoni ta' nirien fil-foresti |
| Il-forma tal-għajnuna | Sussidju dirett |
| L-estimi | EUR 22,5 miljun |
| L-intensità | Sa massimu ta' 100 % |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Is-settur forestali |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Amt für Forstwirtschaft Templin<br>Waldstraße 2<br>16798 Fürstenberg/Havel<br>DEUTSCHLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 28.5.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 18/09 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | Thüringen |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Miżuri dwar l-Ambjent tal-Foresti |
| Il-bażi legali | Richtlinie „Förderung von Waldumweltmaßnahmen" |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għajnuna lis-settur tal-forestrija |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotjiet diretti |
| L-estimi | Baġit totali ta' EUR 5 miljun. |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | Mill-1.7.2009 sal-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Il-forestrija |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Thüringer Forstamt Frauenwald<br>Forsthaus Allzunah<br>98711<br>DEUTSCHLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 8.6.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 30/09 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Il-provinċja ta' Bolzano |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Għajnuna ta' investiment għas-saqi tal-azjendi agrikoli (Bolzano) |
| Il-bażi legali | — Legge provinciale 14 dicembre 1998, n. 11 e successive modifiche, articolo 4, comma 1, lett. A), pubblicata sul Bollettino Ufficiale della Regione Trentino-Alto Adige del 19.12.1998, n. 54.<br>— Criteri e modalità per la concessione di aiuti per investimenti nel settore dell'irrigazione (it-test għandu jiġi adottat wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni). |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna għall-investiment |
| L-għan | Għajnuna għall-investiment |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit kumplessiv EUR 6 500 000 |

| | |
|---|---|
| L-intensità | L-intensità tal-għajnuna sejra tkun ta' 40 % tal-investimenti eliġibbli u 50 % tal-investimenti eliġibbli fiż-żoni żvantaġġati. L-intensità tal-għajnuna sejra tkun ta' 30 % jekk il-benefiċjarju jkun azjenda tal-produzzjoni tal-fjuri jew mixtla tas-siġar jew dwieli tal-inbid. L-intensità tkompli titnaqqas b'10 % meta l-benefiċjajru jaqbeż ċertu daqs. |
| It-tul ta' żmien | Mill-approvazzjoni tal-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2013 |
| Setturi ekonomiċi | Is-settur agrikolu |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Provincia Autonoma di Bolzano-Alto Adige<br>Via Conciapelli 69<br>39100 Bolzano BZ<br>ITALIA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 3.6.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 63/09 |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | Castilla y León |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Ayuda a la inversión al Grupo Alimentario Naturiber S.A. [Għajnuna għall-investiment għall- Grupo Alimentario Naturiber S.A.] |
| Il-bażi legali | Abbozz tal-"*Orden de la consejera de agricultura y ganadería por la que se dispone la concesión de una ayuda a grupo alimentario Naturiber, S.A.*"<br>"*Decreto 25/2007, de 15 de marzo, por el que se regulan las ayudas regionales a la inversión en la Comunidad de Castilla y León en aplicación del Reglamento (CE) nº 1628/2006*" |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali bbażata fuq skema |
| L-għan | L-investiment fl-ipproċessar u fit-tqegħid fis-suq tal-prodotti agrikoli |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | EUR 9 184 706,00 |
| L-intensità | 18,78 % |
| It-tul ta' żmien | Mid-data tal-approvazzjoni mill-Kummissjoni sad-29 ta' April 2012 |
| Setturi ekonomiċi | Is-settur agrikolu |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Conserjería de Agricultura y Ganadería<br>C/ Rigoberto Cortejoso, 14<br>47014 Valladolid<br>ESPAÑA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 25.5.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | Nru 144/09 |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | Galicia |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Ayudas por las explotaciones agrarias afectadas por el temporal en enero 2009 |
| Il-bażi legali | Decreto 13/2009, de 29 de enero, de medidas urgentes para la reparación de losdaños causados por el temporal acaecido en Galicia a partir de 23 de enero.<br>Orden de 2 de febrero de 2009 por la que se convocan ayudas para las explotaciones agrícolas y ganaderas al amparo del Decreto 13/2009, de 29 de enero, de medidas urgentes para la reparación de los daños causados por el temporal acaecido en Galicia a partir del 23 de enero. |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kumpens għal ħsarat u telf mid-dħul f'azjendi agrikoli minħabba l-maltempata ta' Jannar 2009 |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | EUR 4 miljun |
| L-intensità | Sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli |
| It-tul ta' żmien | Mid-data tal-approvazzjoni mill-Kummissjoni sal-4.11.2009 |
| Setturi ekonomiċi | Agrikultura |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Consejero del Medio Rural<br>Calle San Gaetano S/N<br>15781 Santiago de Compostela (A Coruña)<br>ESPAÑA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 3.6.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 227/09 |
| Stat Membru | Franza |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Skema ta' għajnuna biex issalva l-forest tal-Lbiċ ta' Franza milquta mit-tempesta Klaus tal-24 ta' Jannar 2009 |
| Il-bażi legali | Article L 2212-1 du code général des collectivités territoriales et L 161-5 du code rural<br>Articles L-321-5-2 et L 322-3-1 ainsi que L322-6 et 322-7 du code forestier |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għajnuna biex tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali |

| | |
|---|---|
| Il-forma tal-għajnuna | Għoti dirett, sussidju tal-interessi, għajnuna fiskali, garanziji |
| L-estimi | EUR 791 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | Sa tmiem il-pagamenti |
| Setturi ekonomiċi | Is-settur tal-forestrija |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministère de l'agriculture et de la pêche<br>3 rue Barbet de Jouy<br>75349 Paris 07 SP<br>FRANCE |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju tal-euro ([1])

## Il-11 ta' Awwissu 2009

(2009/C 189/02)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,4166 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6965 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 136,72 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5537 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4449 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,9793 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,85840 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,1126 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,3486 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,0489 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5301 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 759,28 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,5304 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,8265 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,6825 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,3224 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,770 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 054,16 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,9730 |
| HUF | Forint Ungeriż | 273,10 | PHP | Peso Filippin | 67,596 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 45,7690 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7011 | THB | Baht Tajlandiż | 48,228 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1740 | BRL | Real Brażiljan | 2,6277 |
| RON | Leu Rumen | 4,2163 | MXN | Peso Messikan | 18,3946 |
| TRY | Lira Turka | 2,1225 | INR | Rupi Indjan | 67,9400 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-prattiċi restrittivi u pożizzjonijiet dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Settembru 2008 dwar abbozz preliminari ta' deċiżjoni fil-każ COMP/39.188 (1) – Banana**

(2009/C 189/03)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-prodott affettwat mill-ksur hu banana friska u dwar il-kopertura ġeografika tal-ksur.

2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-fatti li għamlet il-Kummissjoni bħala prattika miftiehma fit-tifsira tal-Artikolu 81(1) tat-Trattat tal-KE.

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-komunikazzjonijiet dwar l-ipprezzar minn qabel deskritti fl-abbozz preliminari tad-deċiżjoni li fih il-partijiet (i) iddiskutew jew kixfu l-fehmiet tagħhom dwar ix-xerjiet u/jew iddiskutew jew kixfu indikazzjonijiet ta' prezzijiet ta' kwotazzjoni għall-ġimgħa li tkun tmiss, u (ii) iddiskutew fatturi tal-issettjar tal-prezz (jiġifieri fatturi relevanti għall-issettjar tal-prezzijiet tal-kwotazzjoni għall-gimgħa li tkun tmiss), għandhom bħala l-għan tagħhom ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 81(1) tat-Trattat tal-KE u jikkonċernaw l-iffissar tal-prezzijiet, li bihom il-partijiet ikkoordinaw il-prezzijiet tal-kwotazzjoni għall-banana.

4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni li għamlet il-Kummissjoni li l-arranġamenti għall-skambju tal-prezzijiet ta' kwotazzjoni jippermettu l-partijiet biex jimmonitorjaw id-deċiżjonijiet tal-partitijiet dwar l-ipprezzar tal-kwotazzjonijiet fid-dawl tal-komunikazzjonijiet dwar l-ipprezzar minn qabel li saru preċedentament bejn il-partijiet.

5. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni li għamlet il-Kummissjoni li l-prattiki illegali msemmija huma kollha kemm huma parti minn skema globali biex jintlaħaq għan ekonomiku antikompetittiv wieħed, u b'hekk jikkostitwixxi ksur wieħed, u kontinwu tal-Artikolu 81(1) tat-Trattat tal-KE.

6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li t-tul ta' żmien tal-ksur hu mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Diċembru 2002.

7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li f'dan il-każ il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat tal-KE ma ġewx issodisfati.

8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar id-destinatarji tad-deċiżjoni, inkluża r-responsabbiltà tal-kumpaniji prinċipali.

9. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

**Rapport finali tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-Każ COMP/39.188 – Bananas**

*(skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/462/KE, KEFA, tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' riferenza ta' uffiċjali tas-seduta f'ċerti proċeduri dwar il-kompetizzjoni – ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)*

(2009/C 189/04)

L-abbozz ta' deċiżjoni fil-każ imsemmi hawn fuq jagħti lok għall-osservazzjonijiet li ġejjin.

**Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet**

Fl-20 ta' Lulju 2007 ġiet adottata Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet (DO) u ġiet indirizzata lill-kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji li ġejjin: Chiquita Brands International Inc, Chiquita International Ltd, Chiquita International Services Group N.V. u Chiquita Banana Company B.V. (*Chiquita*); Dole Food Company Inc u Dole Fresh Fruit Europe OHG (*Dole*); Fresh Del Monte Produce Inc, Del Monte Fresh Produce International Inc, Del Monte (Germany) GmbH u Del Monte (Holland) BV (*Del Monte)*; Fyffes plc, Fyffes International, Fyffes Group Limited u Fyffes BV (*Fyffes*); FSL Holdings NV u Firma Leon van Parys NV *(LVP)*; Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert & Co KG (*Weichert*).

Fid-DO il-Kummissjoni tieħu l-fehma preliminari li d-destinatarji pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 81 billi għamlu skambju ta' informazzjoni dwar volumi u prezzijiet ta' kwotazzjoni tal-banana u billi ffissaw il-prezz permezz tal-koordinazzjoni tal-prezzijiet ta' kwotazzjoni għall-banana.

Wara n-notifika tad-DO il-Partijiet ingħatalhom aċċess għall-fajl tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni jew fil-forma ta' DVD jew, rigward l-applikazzjoni ta' klemenza u dokumenti relatati magħhom, fl-uffiċċji tal-Kummissjoni.

**Proċeduri**

Lil-Partijiet oriġinalment ingħatatilhom data ta' skadenza ta' xahrejn biex iwieġbu għad-DO. Fuq talbiet raġunati ngħatat serje ta' estensjonijiet lill-Partijiet li jitolbu dan. L-estensjonijiet, li prinċipalment huma relatati ma' dikjarazzjonijiet li jikkonċernaw l-aċċessibbiltà tal-fajl tal-Kummissjoni, ammontaw għal madwar xahrejn addizzjonali. Il-Partijiet kollha wieġbu fil-ħin u ressqu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub dwar l-oġġezzjonijiet li tqajmu kontra tagħhom.

Barra minn hekk, il-Partijiet kollha eżerċitaw id-dritt tagħhom li jinstemgħu b'mod orali skont l-Artikolu12 tar-Regolament (KE) Nru 773/2004 ([1]). Is-Seduta Orali saret bejn l-4 u s-6 ta' Frar 2008.

Matul il-proċedimenti bosta Partijiet għamlu numru ta' lmenti dwar irregolaritajiet proċedurali allegati, fejn dawn iddikjaraw li ġie miksur id-dritt tagħhom li jinstemgħu. Minkejja li l-maġġoranza ta' dawn il-pretensjonijiet ġew risolvuti mid-DĠ għall-Kompetizzjoni, xi wħud ġew referuti lill-Uffiċjal tas-Seduta. Dawn l-ilmenti ġew eżaminati bir-reqqa minni nnifsi, jew mill-Uffiċjal tas-Seduta responsabbli dak iż-żmien, u l-Partijiet mgħarrfa b'dan. B'mod partikolari kien ġie argumentat li n-nuqqas ta' minuti, traskrizzjonijiet u/jew noti mil-laqgħat mal-applikant għall-klemenza fil-fajl aċċessibbli tal-investigazzjoni huma kkunsidrati bħala ksur tad-drittijiet tad-difiża. Kien iddikjarat ukoll li d-dritt li jinstemgħu ma setax jiġi eżerċitat kif xieraq minħabba l-eżistenza ta' numru ta' paġni li ma jistgħux jinqraw fil-fajl tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, parti waħda talbet li tiġi provduta b'dokumenti ta' skaġun allegati li ma kinux fil-fajl tal-investigazzjoni, iżda allegatament kienu fil-pussess ta' Direttorati-Ġenerali oħrajn tal-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, bosta Partijiet iddikjaraw li d-drittijiet ta' difiża jirrikjedu li jingħatalhom ukoll aċċess għad-dokumenti mressqa lill-Kummissjoni wara n-notifika tad-DO, partikolarment tweġibiet ta' Partijiet oħrajn għad-DO.

L-ewwel, rigward in-nuqqas ta' minuti, traskrizzjonijiet u/jew noti mill-laqgħat mal-applikant għall-klemenza (mqajma mil-LVP, Fyffes/Weichert u Dole), l-analiżi wasslet għall-konklużjoni li ġejja. Fi ħdan il-qafas tal-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat, id-drittijiet ta' difiża tal-partijiet ma jimponux obbligu ġenerali għas-servizzi tal-Kummissjoni biex ifasslu minuti jew jieħdu nota ta' x'jiġri fil-laqgħat. Obbligu bħal dan jeżisti biss jekk il-Kummissjoni bi ħsiebha li tuża fid-deċiżjoni tagħha provi fornuti b'mod orali, li f'dan il-każ għandu jitfassal dokument bil-miktub. Billi f'dan il-każ, dikjarazzjonijiet korporattivi li tressqu b'mod formali biss intużaw bħala provi, id-dritt ta' difiża tal-Partijiet ma setax jinkiser bil-fatt li ma ġewx provduti

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE, ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18.

noti tal-laqgħat in kwistjoni. Dwar dan għandu jiġi nnotat li kwalunkwe noti unilaterali li ttieħdu mis-servizzi tal-Kummissjoni xorta waħda jistgħu jirrappreżentaw biss is-sommarju u l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni nnifisha ta' dak li ntqal. B'hekk noti bħal dawn jikkostitwixxu noti interni li mhumiex aċċessibbli u li ma għandhom l-ebda valur evidenzjali, la inkriminatorju u lanqas ta' skaġun.

It-tieni, rigward id-dikjarazzjoni li l-eżistenza ta' dokumenti fil-fajl li ma jistgħux jinqraw tikkostitwixxi nuqqas ta' rispett għad-dritt ta' smigħ u b'mod aktar speċifiku, li ma ġiex rispettat il-prinċipju tal-parità ta' smigħ tal-partijiet (LVP, Fyffes/Weichert, Dole), intlaħqet il-konklużjoni li ġejja. Safejn id-dokumenti oriġinali fil-fajl tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni huma tal-istess kwalità komparabbli bħall-kopji tad-DVD tal-Partitijiet, il-Kummissjoni, meta mqabbla mal-Partijiet fil-proċedimenti, ma setax jkollha għarfien aħjar ta' dawk id-dokumenti li ma setgħux jinqraw jew diffiċli biex jinqraw. Is-servizz relevanti tal-Kummissjoni, meta mitlub u meta disponibbli, forna lill-Partijiet li għamlu t-talba b'kopji ġodda ta' kwalità paragunabbli mad-dokumenti oriġinali fil-fajl. B'hekk, il-Partijiet u l-Kummissjoni kellhom aċċess għall-istess dokumenti ta' kwalità komparabbli. Għalhekk, ġie konkluż li l-prinċipju tal-parità ta' smigħ tal-partijiet ġie rispettat.

It-tielet, rigward it-talba li jiġu forniti b'dokumenti li huma potenzjalment ta' skaġun li ma jinsabux fil-fajl tal-investigazzjoni, għalkemm li qegħdin fil-pussess tal-Kummissjoni (Fyffes/Weichert), l-Uffiċjal tas-Seduta li kien fil-kariga kien tal-fehma li ġejja. Bħala regola ġenerali l-Kummissjoni mhix obbligata li tforni dokumenti li mhumiex fil-fajl tal-investigazzjoni. Madankollu, fuq il-bażi ta' talba raġunata li tidentifika b'mod ċar id-dokument(i) u tispjega r-rilevanza tal-valur ta' difiża u ta' potenzjal ta' skaġun, il-Kummissjoni tista' tiġi obbligata li tforni d-dokument, ħlief jekk il-parti li qed tagħmel it-talba ma tkunx tista' takkwista l-informazzjoni minn sorsi oħrajn mingħajr sforz żejjed sinifikanti. Kuntrarjament, il-Kummissjoni mhix obbligata li taċċetta talba li mhix speċifikata li tirreferi għal għadd kbir ta' dokumenti. It-talba ġiet ivvalutata fid-dawl ta' dawn il-kriterji u nstab li kienet parzjalment ġustifikata. B'hekk id-DĠ għall-Kompetizzjoni ġie mitlub li jieħu l-passi xierqa biex jirkupra u jforni dokumenti li ġew identifikati b'mod ċar fit-talba lill-partijiet li qed jagħmlu t-talba. Kuntrarjament, it-talba ġiet rifjutata peress li għamlet riferenza għal dokumenti b'mod vag u astratt jew għal dokumenti li jistgħu jinkisbu permezz ta' sorsi oħrajn.

Fl-aħħar nett, rigward dritt allegat biex ikun hemm aċċess għal tweġibiet ta' partijiet oħrajn għad-DO (Del Monte), dan id-dritt ma jeżistix f'termini ġenerali. Isegwi mill-punt 27 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-Aċċess għall-Fajl li l-aċċess għad-dokumenti rċevuti wara n-notifika tad-DO jista' jingħata biss jekk dawn id-dokumenti jistgħu jikkostitwixxu provi ġodda, sew jekk ta' natura inkriminanti jew ta' skaġun. Billi tweġiba ta' parti għal DO tikkostitwixxi d-difiża individwali ta' dik il-parti, rarament tista' tiġi kkunsidrata bħala inkriminanti jew ta' skaġun rigward partijiet oħra għall-proċedimenti. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni hi projbita li tuża provi kontra parti fejn din tal-aħħar ma ngħatatx l-opportunità li tinstema'. Madankollu, rigward informazzjoni potenzjali ta' skaġun, talba ma tistax titfassal f'termini ġenerali jżda għandha tkun motivata u għandha tindika, mill-inqas f'termini ġenerali, kif biċċa informazzjoni partikolari tista' tkun ta' użu għal difiża tal-parti u tkun responsabbli li tinfluwneza d-direzzjoni tal-proċedura amministrattiva. B'hekk jiġri li d-drittijiet ta' difiża ma jinkisrux f'każ li l-Kummissjoni tirrifjuta aċċess lil parti biex tara tweġibiet għad-DO ta' partijiet oħrajn fuq il-bażi ta' talba ġenerali li tiddikjara li t-tweġibiet jistgħu jinkludu b'mod potenzjali informazzjoni ta' skaġun. Fid-dawl ta' dawn il-kriterja jiena kkunsidrajt li r-rifjut tad-DĠ għall-Kompetizzjoni li jaċċetta t-talba konċernata tal-Parti ma tistax twassal għal ksur tad-drittijiet ta' difiża.

**Abbozz tad-Deċiżjoni**

Wara s-sottomissjonijiet bil-miktub u orali tal-Partijiet, il-Kummissjoni waqqet l-oġġezzjonijiet kollha tagħha kontra Fyffes plc, Fyffes International, Fyffes Group Limited u Fyffes BV (*Fyffes*) u kif ukoll kontra FSL Holdings NV u Firma Leon van Parys NV (*LVP*). Il-Kummissjoni waqqgħet ukoll l-oġġezzjonijiet tagħha kontra Fresh Del Monte Produce Inc., Del Monte Fresh Produce International Inc., Del Monte (Germany) GmbH u Del Monte (Holland) BV, rigward il-parteċipazzjoni allegata ta' Del Monte nnifisha fil-ksur. Madankollu, il-Fresh Del Monte Produce Inc. inżammet responsabbli għall-involviment fil-ksur ta' Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert & Co KG, li fuqha hija kkunsidrata li eżerċitat influwenza deċisiva.

Barra minn hekk, dwar id-destinatarji l-oħrajn tal-Abbozz tad-Deċiżjoni l-ambitu tal-oġġezzjonijiet tnaqqas, meta mqabbel mad-DO u t-tul ta' żmien tal-ksur tnaqqas b'mod konsiderevoli.

Fl-opinjoni tiegħi l-abbozz tad-Deċiżjoni jindirizza biss l-oġġezzjonijiet rigward liema l-partijiet ingħataw l-opportunità li jesprimu l-veduti tagħhom.

**Konklużjoni**

Inqis li d-dritt li wieħed jinstema' ġie rrispettat f'dan il-każ għall-parteċipanti kollha fil-proċedimenti.

Brussell, l-10 ta' Ottubru 2008.

Karen WILLIAMS

**Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-prattiċi restrittivi u pożizzjonijiet dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2008 rigward abbozz preliminari ta' deċiżjoni fil-każ COMP/39.188 (2) – Banana**

(2009/C 189/05)

1. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammont bażiku tal-multi.

2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar t-tnaqqis fl-ammont bażiku minħabba ċirkustanzi mitiganti.

3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-immunità mill-multi skont l-Avviż ta' Klemenza tal-2002.

4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-ammonti finali tal-multi.

5. Il-Kumitat Konsuktattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu (KE) Nru 14(6) tar-Regolament 1/2003

# Sommarju ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni
# tal-15 ta' Ottubru 2008
# dwar proċedura taħt l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE
# (Każ COMP/39.188 – Banana)

*(notifikata bid-dokument numru C(2008) 5955 finali)*

**(It-testi bl-Ingliż u bil-Ġermaniż biss huma awtentiċi)**

(2009/C 189/06)

*Fil-15 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tirrigwarda proċediment taħt l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u tal-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inklużi kwalunkwe penalitajiet imposti, wara li ġie kkunsidrat l-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju tagħhom. Verżjoni mhux kunfidenzjali tat-test sħiħ tad-deċiżjoni tista' tinstab fil-lingwi awtentiċi tal-każ fis-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni:*

*http://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/*

## I. INTRODUZZJONI

1. Id-deċiżjoni hi indirizzata lil tmien entitajiet legali, li huma proprjetà tal-impriżi Chiquita, Dole u Weichert flimkien ma' Del Monte li *in solidum* saret responsabbli għall-imġiba ta' Weichert, għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 81 tat-Trattat.

2. Il-ksur li hu s-suġġett ta' din id-deċiżjoni jirrigwarda l-provvista tal-banana friska lir-reġjun tal-Ewropa ta' Fuq tal-Unjoni Ewropea. Għall-iskop tad-deċiżjoni r-"reġjun tal-Ewropa ta' Fuq" jinkludi l-Awstrija, il-Belġju, d-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, l-Olanda u l-Isvezja.

## II. DESKRIZZJONI TAL-KAŻ

### 1. Proċedura

3. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni bdiet fuq il-bażi ta' applikazzjoni ta' immunità, magħmula minn Chiquita taħt l-Avviż ta' Klemenza tal-2002. Wara li Chiquita ressqet dikjarazzjonijiet addizzjonali tal-kumpanija u forniet dokumenti, il-Kummissjoni tat lil Chiquita immunità kondizzjonali mill-multi skont il-Punt 8(a) tal-Avviż ta' Klemenza. B'hekk iċ-Chiquita għamlet għadd ta' dikjarazzjonijiet korporattivi ulterjuri u ressqet kopji tad-dokumenti.

4. Fit-2/3 ta' Ġunju 2005, il-Kummissjoni għamlet spezzjonijiet taħt l-Artikolu 20(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 fl-uffiċini, fost oħrajn, ta' Dole, Del Monte u Weichert. Bejn Frar 2006 u Mejju 2007 l-Kummissjoni bagħtet bosta talbiet għal informazzjoni taħt l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, fost oħrajn, lil Dole, Del Monte u Weichert. Il-Kummissjoni talbet ukoll informazzjoni addizzjonali u dokumenti minn Chiquita skont l-obbligu ta' kope-
razzjoni kontinwa ta' applikant għall-immunità taħt l-Avviż ta' Klemenza.

5. Id-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2007 ġiet indirizzata lil 17-il entità legali.

6. Il-partijiet kollha li lilhom ġiet indirizzata d-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet wieġbu għall-oġġezzjonijiet imqajma mill-Kummissjoni u pparteċipaw fi Smigħ Orali li sar mill-4 sas-6 ta' Frar 2008.

### 2. Sommarju tal-ksur

7. Id-deċiżjoni tikkonkludi li Chiquita, Dole u Weichert ħadu sehem f'komunikazzjonijiet bilaterali dwar l-ipprezzar minn qabel, li matul dawn il-komunikazzjonijiet iddiskutew fatturi għall-issettjar tal-prezz tal-banana, jiġifieri fatturi li huma relevanti għall-issettjar tal-prezzijiet ta' kwotazzjoni għall-gimgħa li tkun tmiss u ddiskutew jew kixfu xejriet tal-prezz u/jew indikazzjonijiet ta' prezzijiet ta' kwotazzjoni għall-gimgħa li tkun tmiss. Dawn il-komunikazzjonijiet saru qabel ma l-partijiet issettjaw il-prezzijiet tagħhom ta' kwotazzjoni. Dawn il-komunikazzjonijiet huma referuti bħala l-"komunikazzjonijiet dwar l-ipprezzar minn qabel". Id-deċiżjoni tikkonkludi li kien hemm mudell konsistenti ta' komunikazzjonijiet dwar l-ipprezzar minn qabel, anka jekk il-komunikazzjonijiet mhux neċessarjament saru kull ġimgħa. Barra minn hekk, la darba li huma ssettjaw il-prezzijiet tagħhom ta' kwotazzjoni matul il-komunikazzjoni ta' kull nhar ta' Ħamis filgħodu, il-partijiet għamlu skambju b'mod bilaterali ta' dawn il-prezzijiet ta' kwotazzjoni jew mill-inqas stabilixxew mekkaniżmu, li ppermettilhom li jkollhom skambju b'mod bilaterali tal-informazzjoni dwar il-prezzijiet ta' kwotazzjoni ssettjati. Hu konkluż li dan l-iskambju tal-prezzijiet ta' kwotazzjoni ppermetta lill-partijiet biex jimmonitorjaw id-deċiżjonijiet tal-ipprezzar ta' kwotazzjoni tal-partijiet individwali fid-dawl tal-komunikazzjonijiet dwar l-ipprezzar li saru bil-quddiem bejn il-partijiet.

8. Id-deċiżjoni tikkonkludi li l-għan tal-komunikazzjonijiet dwar l-ipprezzar minn qabel kien li jnaqqas l-inċertezza dwar il-kondotta tal-partijiet fir-rigward tal-prezzijiet ta' kwotazzjoni li għandhom jiġu stabbilixxew minnhom. Dawn il-komunikazzjonijiet taw lok għal prattika konkreta li tikkonċerna l-iffissar tal-prezzijiet.

9. Id-deċiżjoni tikkonkludi li l-fatti deskritti fiha juru li l-kondotta tal-partijiet b'relazzjoni mal-komunikazzjonijiet dwar l-ipprezzar minn qabel kienet ta' natura li tat lok għall-ksur biex ikun implimentat. Dawn saru qabel ma l-partijiet stabbilixxew il-prezzijiet ta' kwotazzjoni, b'mod repetut u għal perjodu twil. Barra minn hekk, kien hemm ukoll mekkaniżmu ta' skambju tal-prezzijiet ta' kwotazzjoni li hemm fis-seħħ, li ntuża mill-partijiet. Dan l-iskambju tal-prezzijiet ta' kwotazzjoni, wara li ġew stabbiliti, serva għall-monitoraġġ tad-deċiżjonijiet tal-partijiet dwar il-prezz ta' kwotazzjoni fid-dawl tal-komunikazzjonijiet dwar l-ipprezzar minn qabel li saru bil-quddiem bejn il-partijiet.

10. Il-perjodu tal-ksur imsemmi fid-deċiżjoni hu mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Diċembru 2002 għal Dole u Weichert, u mill-1 ta' Jannar 2000 sal-1 ta' Diċembru 2002 għal Chiquita. Il-Kummissjoni ssib li Del Monte eżerċitat influwenza deċisiva fuq Weichert matul il-perjodu tal-parteċipazzjoni ta' Weichert fil-ksur.

## 3. **Destinatarji**

11. Id-deċiżjoni attwali hi indirizzata lit-tmien entitajiet legali li ġejjin, li huma proprjetà tal-impriżi Chiquita, Dole u Weichert flimkien ma' Del Monte li *in solidum* saret responsabbli għall-imġiba ta' Weichert:

— Chiquita Brands International Inc.,

— Chiquita International Ltd.,

— Chiquita International Services Group N.V.,

— Chiquita Banana Company B.V.,

— Dole Food Company, Inc.,

— Dole Fresh Fruit Europe OHG,

— Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert & Co. KG,

— Fresh Del Monte Produce Inc.

## 4. **Rimedji**

*Ammont bażiku tal-multa*

12. L-ammont bażiku tal-multa huwa determinat bħala proporzjon tal-valur tal-bejgħ tal-prodott rilevanti magħmul minn kull impriża fiż-żona ġeografika relevanti matul l-aħħar sena sħiħa ta' negozju li matulha seħħ il-ksur ("ammont varjabbli"), immultiplikat bl-għadd ta' snin li matulhom seħħ il-ksur, kif ukoll ammont addizzjonali, ukoll ikkalkulat bħala proporzjon tal-valur tal-bejgħ, biex jiskoraġġixxi prattika konkreta orizzontali li kkonċernat l-iffissar tal-prezzijiet ("il-miżata tad-dħul").

13. Il-ksur ikkonsista fi prattika konkreta orizzontali li kkonċernat l-iffissar ta' prezzijiet. Il-kriterji li għandhom jiġu kkundsidrati biex jiġu stabbiliti l-proporzjonijiet tal-valur tal-bejgħ huma n-natura tal-ksur (f'dan il-każ koordinazzjoni ta' prezz orizzontali), is-sehem tas-suq magħqud tal-impriżi li jipparteċipaw fil-ksur u l-ambitu ġeografiku (ir-reġjun tal-Ewropa ta' Fuq tal-Unjoni Ewropea).

14. Meta jiġi kkunsidrat li l-ksur dam għaddej għal tliet snin għal Dole u Weichert u għal sentejn u ħdax-il xahar għal Chiquita, l-ammont varjabbli huwa multiplikat bi 3.

15. Skont il-Punt 25 tal-Linji Gwida tal-2006 dwar il-Multi, ammont addizzjonali ta' 15 % tal-valur tal-bejgħ hu impost lid-destinatarji.

*Aġġustamenti għall-ammont bażiku*

16. Ma nstabu l-ebda ċirkustanzi aggravanti.

17. Il-Kummissjoni tikkunsidra l-fatt li matul il-perjodu relevanti s-settur tal-banana kien soġġett għal reġim regolatorju speċifiku ħafna, favur il-partijiet kollha, bħala ċirkustanza mitiganti kif ukoll bħala l-koordinazzjoni relatata mal-prezzijiet ta' kwotazzjoni.

18. Il-Kummissjoni tikkunsidra bħala ċirkustanza mitiganti li ma jistax jiġi pruvat li Weichert kienet konxja ta', jew suppost kellha tipprevedi b'mod raġonevoli l-komunikazzjonijiet bejn Chiquita u Dole li kienu qed isiru qabel l-issettjar tal-prezzijiet ta' kwotazzjoni.

19. Fl-applikazzjoni tal-Punt 30 tal-Linji Gwida tal-2006 dwar il-Multi l-Kummissjoni ma tapplika l-ebda żieda speċifika għal skoraġġament f'dan il-każ lil kwalunkwe wieħed mid-destinatarji.

*Applikazzjoni tal-limitu tal-fatturat ta' 10 %*

20. Ma sar l-ebda tnaqqis ta' multi bħala riżultat tal-limitu għall-fatturat ta' 10 % ta' madwar id-dinja previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

*Applikazzjoni tal-Avviż ta' Klemenza tal-2002: tnaqqis ta' multi*

21. Iċ-Chiquita kienet l-ewwel impriża li infurmat lill-Kummissjoni dwar kartell sigriet rigward il-bejgħ tal-banana. Iċ-Chiquita applikat għall-immunità taħt it-termini tal-Avviż ta' Klemenza tal-2002. Hekk kif l-informazzjoni provduta minn Chiquita ppermettiet lill-Kummissjoni biex tadotta deċiżjoni biex tagħmel spezzjonijiet skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, Chiquita ngħatatilha immunità kondizzjonali mill-multi skont il-punt 8(a) tal-Avviż ta' Klemenza.

22. Skont il-provi li qiegħdin fil-pussess tal-Kummissjoni, Chiquita tterminat l-involviment tagħha fil-ksur l-aktar tard fil-perjodu li fih hi resqet għall-ewwel darba l-provi lill-Kummissjoni. Barra minn hekk ma kien hemm l-ebda provi li Chiquita għamlet xi pressjoni fuq destinatarji oħrajn biex jingħaqdu mal-arranġamenti tal-kartell. Fl-aħħar nett il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li Chiquita ssodisfat il-ħtiġijiet tal-punt 11(a) tal-Avviż ta' Klemenza. Iċ-Chiquita ngħatatilha l-immunità minn kwalunkwe multa li kieku kienet tiġi imposta lilha.

## III. **DEĊIŻJONI**

23. L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE billi pparteċipaw fil-prattika konkreta li biha kkoordinaw il-prezzijiet ta' kwotazzjoni għall-banana:

(a) Chiquita Brands International Inc. mill-1 ta' Jannar 2000 sal-1 ta' Diċembru 2002;

(b) Chiquita International Ltd. mill-1 ta' Jannar 2000 sal-1 ta' Diċembru 2002;

(c) Chiquita International Services Group N.V. mill-1 ta' Jannar 2000 sal-1 ta' Diċembru 2002;

(d) Chiquita Banana Company B.V. mill-1 ta' Jannar 2000 sal-1 ta' Diċembru 2002;

(e) Dole Food Company, Inc. mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Diċembru 2002;

(f) Dole Fresh Fruit Europe OHG mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Diċembru 2002;

(g) Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert & Co. KG mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Diċembru 2002;

(h) Fresh Del Monte Produce Inc. mill-1 ta' Jannar 2000 sal-31 ta' Diċembru 2002.

Il-ksur kopra l-Istati Membri li ġejjin: l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Lussembrugu, l-Olanda u l-Isvezja.

24. Għall-ksur deskritt hawn fuq, huma imposti l-multi li ġejjin:

(a) Chiquita Brands International Inc., Chiquita International Ltd., Chiquita International Services Group N.V. u Chiquita Banana Company B.V., *in solidum*, multa ta' EUR 0;

(b) Dole Food Company, Inc. u Dole Fresh Fruit Europe OHG, *in solidum*, multa ta' EUR 45 600 000;

(c) Internationale Fruchtimport Gesellschaft Weichert & Co. KG, *in solidum* ma' Fresh Del Monte Produce Inc., multa ta' EUR 14 700 000.

25. L-impriżi elenkati hawn fuq għandhom, b'mod immedjat, itemmu l-ksur tagħhom, sakemm dan ma għamluhx diġà. Huma għandhom jastjenu milli jirrepetu kwalunkwe att jew imġiba tan-natura tal-infrazzjoni misjuba f'dan il-każ, u minn kwalunkwe att jew imġiba li għandhom l-istess għan jew effett, jew li jkunu simili għalihom.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2009/C 189/07)

**Għajnuna Nru:** XA 150/09

**Stat Membru:** Franza

**Reġjun:** Région Rhône Alpes

**Titlu tal-iskema tal-għajnuna:**

aides aux investissements pour l'aménagement de pâturages, prairies et parcours (clôtures et abreuvoirs) en Rhône-Alpes

**Bażi legali:**

Ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006, l-Artikolu 4

Articles 1511-1 et s. du Code général des collectivités territoriales

Délibération du Conseil Régional Rhône Alpes 29 janvier 2009

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema ta' għajnuna:** EUR 150 000

**Intensità massima tal-għajnuna:** 30 % tal-investiment eliġibbli, b'limitu massimu ta' nefqa ta' EUR 5 000.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttur Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-iskema tal-għajnuna:** Sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:**

B'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, l-għajnuna għandha bħala għan il-promozzjoni tal-mergħa tal-bhejjem u tal-ġestjoni aħjar tal-mergħa b'konnessjoni mal-għan li tiġi żgurata l-awtosuffiċjenza tal-azjendi agrikoli fir-rigward tal-għalf. Titjib fl-użu tal-mergħa u sfruttar flimkien maż-żamma tagħha għandu fil-fatt jippromwovi l-awtosuffiċjenza. Żieda fir-riżorsi tal-mergħa għandha twassal għal tnaqqis fix-xiri ta' għalf ikkonċentrat u, għalhekk, tal-ispejjeż tal-produzzjoni.

L-appoġġ se jkopri parti mill-ispejjeż tat-tagħmir biex jiġu installati l-ħitan u l-ħwat tal-ilma għax-xorb sabiex jippromwovu l-mergħa tal-bhejjem u jtejbu l-ġestjoni tal-mergħa.

L-għajnuna se tkun ikkundizzjonata għal analiżi individwali tal-azjendi u għal adattament tal-proġett propost għal kompattibiltà mar-rakkomandazzjonijiet li jsiru abbażi tal-analiżi.

Għalhekk biex jingħataw l-għajnuna, il-bdiewa li jitolbuha għandhom, mal-applikazzjoni, jagħtu sinteżi tal-analiżi individwali tal-azjenda tagħhom li tagħti rakkomandazzjonijiet multiannwali. L-għajnuna mitluba għandha tkun kompatibbli ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

L-għajnuna tingħata darba biss, sa 30 % tal-ammont tal-investiment b'limitu massimu ta' nefqa ta' EUR 5 000.

B'konformità mal-punt 5 tal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006, l-għajnuna tingħata biss lil dawk l-azjendi agrikoli li ma humiex għaddejjin minn diffikultajiet.

**Settur(i) konċernat(i):** L-azjendi agrikoli kollha fir-Reġjun tar-Rhône Alpes li għandhom bħala għan l-awtosuffiċjenza fl-għalf.

**Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli:**

Monsieur le Président du Conseil régional Rhône Alpes
Direction de l'agriculture et du développement rural
Service Agriculture
78 route de Paris
69751 Charbonnières les Bains Cedex
FRANCE

**Indirizz tal-internet:**

http://www.rhonealpes.fr/TPL_CODE/TPL_AIDE/PAR_TPL_IDENTIFIANT/309/18-les-aides-de-la-region.htm

---

**Għajnuna Nru:** XA 151/09

**Stat Membru:** Franza

**Reġjun:** Région Rhône Alpes

**Titolu tal-iskema tal-għajnuna:**

Diagnostics d'exploitation individuels dans les exploitations de Rhône-Alpes en vue d'accroître leur autonomie alimentaire

**Bażi legali:**

L-Artikolu Nru 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006

Articles 1511-1 et s. du Code général des collectivités territoriales

Délibération du Conseil régional Rhône Alpes 29 janvier 2009.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema ta' għajnuna:** EUR 120 000

**Intensità massima tal-għajnuna:** 80 % b'limitu ta' EUR 800 (l-ammont tal-għajnuna) għal kull intrapriża

**Data tal-implimentazzjoni:** hekk kif tiġi rreġistrata l-formola ta' eżenzjoni fuq is-sit tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikultura u tal-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-iskema tal-għajnuna:** sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:**

F'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, l-għajnuna għandha l-għan li tipprovdi assistenza teknika lill-bdiewa fil-proġett tagħhom biex jiksbu iktar awtosuffiċjenza alimentari.

It-twettiq ta' din id-dijanjosi għandu bosta għanijiet:

— jiġu vvalutati l-intrapriżi agrikoli f'termini tal-awtosuffiċjenza fl-ikel tagħhom;

— jiġu identifikati l-aspetti b'saħħithom u dawk dgħajfa tal-intrapriża vis à vis l-awtosuffiċjenza alimentari;

— jiġu speċifikati azzjonijiet ġenerali għall-iżvilupp sabiex titjieb l-awtosuffiċjenza alimentari waqt illi tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-intrapriża f'kuntest reġjonali.

Abbażi ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet, il-bidwi jista' jtejjeb l-awtosuffiċjenza alimentari fl-intrapriża tiegħu, per eżempju billi jiffavorixxi l-ħaxix fis-sistema tal-għalf, billi jimmodifika l-prassi tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-mergħat jew jinkludi l-għelejjel bil-proteini fin-newba.

Ir-reġjun tar-Rhône Alpes jixtieq jappoġġja lill-intrapriżi agrikoli li jixtiequ jbiddlu s-sistema tal-għalf u tal-ikel tagħhom sabiex itejbu l-awtosuffiċjenza alimentari, bl-għan li jnaqqsu l-ispiża tal-provvista tal-proteina u jadattaw il-modi ta' produzzjoni skont l-evoluzzjonijiet klimatiċi.

Għaldaqstant il-kandidati li jixtiequ jbiddlu l-intrapriża tagħhom sabiex ikollhom iktar awtosuffiċjenza alimentari, għandhom jiġu megħjuna, sabiex f'kull intrapriża titwettaq valutazzjoni tal-awtosuffiċjenza alimentari kif ukoll isir programm tal-ispeċifikazzjonijiet fuq tliet snin sa mhux iktar minn 80 % tan-nefqa eliġibbli b'limitu tal-ammont tan-nefqa ta' EUR 1 000 għal kull intrapriża.

Il-ħlasijiet isiru permezz ta' struttura agrikola skont l-ispeċifikazzjonijiet reġjonali li lilhom se titħallas l-għajnuna tal-istat. Għalhekk, l-intrapriża li tibbenefika mis-servizz se tirċievi għajnuna mhux finanzjarja.

**Settur(i) konċernat(i):** L-intrapriżi agrikoli kollha tar-reġjun tar-Rhône Alpes kollu impenjati fil-pjan għall-kisba ta' awtosuffiċjenza alimentari

**Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli:**

Monsieur le Président du Conseil régional Rhône Alpes
Direction de l'agriculture et du développement rural
Service Agriculture
78 route de Paris
69751 Charbonnières les Bains Cedex
FRANCE

**Indirizz tas-sit Web:**

http://www.rhonealpes.fr/TPL_CODE/TPL_AIDE/PAR_TPL_IDENTIFIANT/307/18-les-aides-de-la-region.htm

---

**Għajnuna Nru:** XA 153/09

**Stat Membru:** Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Reġjun:** Freie und Hansestadt Hamburg

**Titlu tal-iskema tal-għajnuna:**

Richtlinie für die Gewährung von Beihilfen für Maßnahmen zur Impfung gegen den Serotyp 8 des Virus der Blauzungenkrankheit (BTV 8-Beihilferichtlinie) (Linji ta' gwida dwar l-għoti tal-għajnuna għal miżuri għat-tilqim kontra s-serotip nru 8 tal-vajrus tal-marda tal-"bluetongue" (il-linji ta' gwida dwar l-għajnuna għall-BTV8))

http://www.hamburg.de/contentblob/1371778/data/beihilfe-blauzungenkrankheit.pdf

**Bażi legali:** L'Artikoli 7 Absatz 1 Nummer 3 des Hamburgischen Ausführungsgesetzes zum Tierseuchengesetz vom 6. Februar 2007 (HmbGVBl. S. 68)

**Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema:** Hemm stmat baġit ta' EUR 6 000 fis-sena għall-għoti tal-għajnuna skont il-linji ta' gwida dwar l-għajnuna għall-BTV8.

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 % tal-ispejjeż tat-tilqim

**Data tal-implimentazzjoni:** Minn meta l-Kummissjoni Ewropea tippubblika l-miżura tal-għajnuna

**Tul ta' żmien tal-iskema:** sal-31 ta' Diċembru 2009

**Għan tal-għajnuna:** Il-ġlieda kontra l-marda tal-"bluetongue" (is-serotip 8) skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006.

**Setturi ekonomiċi kkonċernati:** Il-bdiewa li għandhom bhejjem suxxettibbli għas-serotip nru 8 tal-vajrus tal-marda tal-"bluetongue" (l-impriżi żgħar u ta' daqs medju biss fi ħdan it-tifsira tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3).

**Isem u indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:**

Behörde für Soziales, Familie
Gesundheit und Verbraucherschutz
Fachabteilung Lebensmittelsicherheit und Veterinärwesen
Billstraße 80
20539 Hamburg
DEUTSCHLAND

**Tagħrif ieħor:** —

---

**Għajnuna Nru:** XA 155/09

**Stat Membru:** Spanja

**Reġjun:** Comunitat Valenciana

**Kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:**

Asociación empresarial de productores de porcino de la Comunidad Valenciana

**Bażi legali:** Resolución de la Consellera de Agricultura Pesca y Alimentación, por la que se concede una subvención nominativa a la Asociación empresarial de productores de porcino de la Comunitat Valenciana (PROGAPORC C.V)

**Nefqa annwali ppjanata:** EUR 12 000 matul l-2009.

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Matul is-sena 1 ta' Jannar 2009, sal-31 ta' Diċembru 2013.

**Għan tal-għajnuna:** It-taħriġ, it-tħeġġiġ u t-tixrid tat-trobbija tal-bhejjem skont l-eżiġenzi tas-suq, f'dak li jirrigwarda s-sikurezza tal-ikel, it-traċċabbiltà u l-impatt ambjentali, fis-settur tal-majjal tal-Comunitat Valenciana (l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006).

**Setturi benefiċjarji:** Il-produtturi tal-majjal.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación
C/ Amadeo de Saboya, 2
46010 Valencia
ESPAÑA

**Indirizz tal-internet:**

http://www.agricultura.gva.es/especiales/ayudas_agrarias/pdf/progaporc09.pdf

**Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001**

(2009/C 189/08)

**Għajnuna Nru:** XA 156/09

**Stat Membru:** Spanja

**Reġjun:** Comunitat Valenciana

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Ayudas compensatorias por los costes de prevención y erradicación de Salmonelosis en avicultura

**Bażi legali:** Borrador de Orden de la Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación, por la que se establecen Ayudas compensatorias por los costes de prevención y erradicación de Salmonelosis en avicultura

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont globali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** EUR 800 000

**Intensità massima tal-għajnuna:** 80 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013.

**Għan tal-għajnuna:** L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 - Ghajnuna kontra l-mard tal-annimali u tal-pjanti, kif ukoll kontra l-pestilenzi.

**Settur(i) benefiċjarju/i:** L-SMEs imniżżla fir-reġistru ta' azjendi agrikoli tal-Comunitat Valenciana li jrabbu t-tajr.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Conselleria de Agricultura Pesca y Alimentación
C/ Amadeo de Saboya, 2
46010 Valencia
ESPAÑA

**Indirizz tal-internet:**

http://www.agricultura.gva.es/especiales/ayudas_agrarias/pdf/salmonelosis2009.pdf

**Tagħrif ieħor:** —

**Għajnuna Nru:** XA 157/09

**Stat Membru:** Spanja

**Reġjun:** Comunitat Valenciana

**Kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Universidad Politécnica de Valencia

**Bażi legali:** Resolución de la Consellera de Agricultura Pesca y Alimentación, que concede la subvención basada en una línea nominativa descrita en la ley 17/2008 de presupuestos de la Generalitat

**Nefqa annwali ppjanata:** EUR 24 000 matul is-sena 2009.

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Matul is-sena 2009, sal-31 ta' Diċembru 2013.

**Għan tal-għajnuna:**

Promozzjoni tat-trobbija tal-bhejjem permezz tat-taħriġ, il-konsulenza u s-servizz tekniku lir-raħħala (l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006).

L-għajnuna tkopri l-ispejjeż eliġibbli tat-taħriġ lill-bdiewa (l-ispejjeż għall-organizzazzjoni tal-programm ta' taħriġ, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza tal-parteċipanti), is-servizzi ta' konsulenza pprovduti minn partijiet terzi (mhux dawk użati normalment mill-intrapriża), l-organizzazzjoni ta' fora għall-iskambju tal-gharfien, u pubblikazzjonijiet bħal katagli u websajts.

**Setturi benefiċjarji:** Is-settur tat-trobbija tal-bhejjem.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación
C/ Amadeo de Saboya, 2
46010 Valencia
ESPAÑA

**Indirizz tal-internet:**

http://www.agricultura.gva.es/especiales/ayudas_agrarias/pdf/upv09.pdf

**Għajnuna Nru:** XA 158/09

**Stat Membru:** Spanja

**Reġjun:** —

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Subvenciones destinadas a las Agrupaciones de Defensa Sanitaria Ganaderas (ADSG en lo sucesivo).

**Bażi legali:**

Proyecto de Real Decreto /2009, por el que se establecen las bases reguladoras de las subvenciones destinadas a las agrupaciones de defensa sanitaria ganaderas (pendiente de publicación en el Boletín Oficial del Estado).

Il-*Proyecto de Real Decreto* msemmi jistipula r-rekwiżiti u l-programmi tas-saħħa li għandhom jiġu applikati, u jistipula l-kriterji tat-tqassim bejn il-Komunitajiet Awtonomi differenti, filwaqt li jadatta r-regoli għar-*Reglamento de la Ley de Subvenciones* l-ġdid, approvat mir-*Real Decreto* 887/2006 tal-21 ta' Lulju 2006, li daħħal ftit emendi żgħar.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont globali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** In-nefqa pubblika totali ppjanata għall-benefiċjarji kollha se tkun ta' EUR 8 miljun fl-2009, u titla' progressivament sakemm tilħaq EUR 16.5 miljun fl-2013, b'ammont totali massimu ta' EUR 57.15 miljun.

**Intensità massima tal-għajnuna:** Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, l-intensità tal-għajnuna ma għandhiex taqbeż il-100 % tal-attività eliġibbli.

**Data tal-implimentazzjoni:** L-għoti tal-għajnuna rregolata bir-*Real Decreto* msemmi huwa soġġett għall-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fil-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea. L-għajnuna ma tistax tiġi implimentata qabel id-data ta' dik il-pubblikazzjoni.

**Tul ta' żmien tal-Iskema jew tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013. Tinhareġ sejħa għall-applikazzjonijiet kull sena.

**Għan tal-għajnuna:**

Għajnuna trasparenti lill-Gruppi għall-Ħarsien tas-Saħħa tal-Bhejjem (ADSG) sabiex jipprovdu lill-azjendi integrati tat-trobbija tal-bhejjem (li għandhom ikunu kollha SMEs ta' produtturi agrikoli) is-servizzi ta' implimentazzjoni tal-programmi u attivitajiet sanitarji komuni, inklużi, fir-rigward tal-mardiet elenkati fil-lista ta' mardiet tal-annimali tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) kif ukoll fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju, l-ispejjeż li jitnisslu minn:

(a) Il-verifiki sanitarji, it-testijiet ta' dijanjożi, l-analiżi tal-laboratorju u mezzi oħra ta' detezzjoni tal-mard tal-annimali, inklużi dawk tal-attività professjonali tal-veterinjarji tal-ADSGs. Jibqgħu esklużi minn dan is-sussidju l-ispejjeż li jitnisslu mill-attività professjonali tal-veterinjarji tal-ADSGs fit-teħid ta' kampjuni jew fit-twettiq ta' dijanjożi fil-kuntest tal-programmi nazzjonali tal-qerda tal-mard tal-annimali li jirċievu kofinanzjament mingħand l-Unjoni Ewropea;

(b) Ix-xiri u l-ġestjoni ta' tilqim, medikamenti veterinarji, bijoċidi u prodotti oħra għas-saħħa tal-annimali, inklużi l-ispejjeż tal-attività professjonali tal-veterinarji tal-ADSGs;

(c) Il-qtil tal-annimali jew il-qerda tal-kaxex tan-naħal, li jkunu milquta mill-mard jew sospetti li milquta mill-mard, inklużi l-ispejjeż tal-attività professjonali tal-veterinarji tal-ADSGs;

(d) L-implimentazzjoni tal-miżuri sanitarji kollha addizzjonali kif deċiż mill-entitajiet kompetenti tal-Komunità Awtonoma li fiha hu bbażat l-ADSG, skont il-kundizzjonijiet sanitarji taż-żona u l-karatteristiċi partikulari ta' kull Grupp, inklużi l-ispejjeż tal-attività professjonali tal-veterinarji tal-ADSG.

L-għajnuna tingħata għal attivitajiet li jsiru wara t-tressiq tal-applikazzjoni.

L-għajnuna hija skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, u ma tinvolvix ħlasijiet diretti ta' flus lill-produtturi.

**Settur(i) konċernat(i):** Gruppi għall-Ħarsien tas-Saħħa tal-Bhejjem (ADSGs) magħmula biss minn SMEs fil–qasam tal-produzzjoni primarja.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Ministerio de Medio Ambiente, y Medio Rural y Marino
C/ Alfonso XII, 62
28014 Madrid
ESPAÑA

**Indirizz tal-internet:**

It-test sħiħ tal-kriterji u l-kundizzjonijiet tal-iskema huwa disponibbli fl-indirizz:

http://www.mapa.es/ministerio/pags/normas/proyecto_RD_ayudas.pdf

Barra minn dan, ladabra jiġi approvat l-abbozz tal-programm ta' għajnuna, it-test sħiħ se jkun disponibbli wkoll fid-*database* tal-leġislazzjoni tal-*Boletín Oficial del Estado español* (Ġurnal Uffiċjali tal-Istat Spanjol), fl-indirizz:

http://www.boe.es/g/es/iberlex/

**Tagħrif ieħor:**

Is-sussidji huma kompatibbli ma' kwalunkwe sussidju ieħor mogħti minn amministrazzjonijiet pubbliċi, entitajiet pubbliċi marbutin magħhom jew soġġetti għalihom, nazzjonali kif ukoll internazzjonali, jew minn persuni privati naturali jew legali oħra. Madankollu, l-ammont tas-sussidju, waħdu jew flimkien ma' għajnuniet jew sussidji oħrajn mogħtija minn amministrazzjoni, entità jew persuna naturali jew legali, ma jistax jaqbeż il-limiti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għal għajnuna mill-Istat għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001.

Fl-indirizzi tal-internet mogħtija hawn fuq, jinstab tagħrif aktar iddettaljat dwar ir-regoli u l-kriterji ta' eliġibbiltà tal-iskema.

---

**Għajnuna Nru:** XA 160/09

**Stat Membru:** Spanja

**Reġjun:** Comunitat Valenciana

**Kumpanija li tirċievi l-għajnuna individwali:** Asociación de Criadores de cordero del Maestrat.

**Bażi legali:** Resolución de la Consellera de Agricultura Pesca y Alimentación, que concede la subvención basada en una línea nominativa descrita en la ley 17/2008 de presupuestos de la Generalitat.

**Nefqa annwali ppjanata:** EUR 12 000 matul is-sena 2009.

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-għajnuna individwali:** Matul is-sena 1 ta' Jannar 2009, sal-31 ta' Diċembru 2013.

**Għan tal-għajnuna:**

Pjan strateġiku u ta' vijabbiltà għas-settur tal-ħaruf fiż-żona tal-Maestrat, speċjalment għat-twaqqif ta' marka ta' kwalità (l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006).

Jitqiesu eliġibbli l-ispejjeż li jitnisslu mill-ingaġġ ta' personal tekniku għall-implimentazzjoni tal-pjan strateġiku u ta' vijabbiltà, kif ukoll l-ispejjeż marbutin mas-servizzi ta' partijiet terzi għat-twettiq tal-esperimenti, it-testijiet u l-istudji li hemm provvediment għalihom fir-*Resolución* imsemmija, u l-ispejjeż li jitnisslu mit-tixrid tal-pjan, inklużi dawk għat-taħriġ tar-raħħala. B'mod ġenerali, huma eliġibbli wkoll l-ispejjeż diretti li jitnisslu mill-konsulenza lir-raħħala għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' vijabbiltà, għajr l-ispejjeż ta' investiment.

**Setturi benefiċjarji:** Is-settur tal-ħaruf fiż-żona tal-Maestrazgo, is-sidien tal-azjendi agrikoli li jinsabu fiż-żona msejħa "EL MAESTRAT".

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Conselleria de Agricultura, Pesca y Alimentación
C/ Amadeo de Saboya, 2
46010 Valencia
ESPAÑA

**Indirizz tal-internet:**

http://www.agricultura.gva.es/especiales/ayudas_agrarias/pdf/accm09.pdf

Valencia, it-12 ta' Mejju 2009

*Id-Direttur Ġenerali għall-Produzzjoni Agrikola*
Laura PEÑARROYA FABREGAT

---

**Għajnuna Nru:** XA 191/09

**Stat Membru:** Ir-Renju Unit

**Reġjun:** L-Iskozja

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li tirċievi għajnuna individwali:** Bluetongue Vaccination Campaign – 2nd Phase

**Bażi legali:** It-Taqsima 4(3) tas-Small Landholders Act 1911

**Nefqa annwali ppjanata għall-iskema jew l-ammont globali ta' għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** GBP 1 200 000

**Intensità massima tal-għajnuna:** 50 %

**Data tal-implimentazzjoni:** L-iskema se tibda fl-1 ta' Lulju 2009

**Tul taż-żmien għall-iskema jew għotja ta' għajnuna individwali:** L-iskema se tibda fl-1 ta' Lulju 2009 u tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2009

**Għan tal-għajnuna:** Għajnuna għall-SMEs

**Settur(i) konċernat(i):** L-iskema tapplika għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajuna:**

Scottish Government
Pentland House
47 Robbs Loan
Edinburgh
EH14 1TY
UNITED KINGDOM

**Websajt:**

http://www.scotland.gov.uk/Topics/Agriculture/animal-welfare/Diseases/SpecificDisease/bluetongue/BTVaccination/BTVaccinationStateAidInfo

**Tagħrif ieħor:**

L-għan tal-iScottish Vaccination Campaign against Bluetongue serotype 8 (BTV8) huwa li l-bhejjem Skoċċiżi jibqgħu ħielsa mill-marda. It-tilqim tal-bovini u n-nagħaġ huwa mandatorju, u t-tilqim tal-bhejjem domestiċi suxxettibbli l-oħra kollha huwa volontarju (għalkemm rakkomandat bil-qawwa). L-għajnuna mogħtija mill-Gvern Skoċċiż se tnaqqas l-ispejjeż tat-tilqima għall-produtturi u għal min irabbi l-bhejjem b'50 % tal-ispejjeż tal-manifattur. Il-produtturi u min irabbi l-bhejjem ser iħallsu l-bilanċ tal-ispejjeż tal-manifattura u t-twassil.

Fil-bidu tal-kampanja fl-2008, il-Gvern Skoċċiż warrab 12-il miljun tilqima biex jintużaw minn dawk il-produtturi u dawk li jrabbu l-bhejjem li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' SME. Minn dawn it-12-il miljun, fadal disponibbli 5.5 miljun doża mhux użata, li jiswew GBP 1 200 000. Din it-tieni fażi se tkompli tgħin lill-produtturi u lil dawk li jrabbu l-bhejjem biex ilaħħqu mal-ispejjeż tat-tilqima kontra l-*bluetongue*. It-tilqima tingħata fuq bażi min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Jekk il-provvista tat-tilqima tispiċċa, min irabbi l-bhejjem ikollu jħallas il-prezz kummerċjali sħiħ tat-tilqima.

L-Iskema tikkonforma mal-Kapitolu 1 tal-Artikolu 10 tar-Regolament 1857/2006, billi tipprovdi lill-SMEs b'għajnuna sa 50 % tal-ispiża tal-manifattura tat-tilqima kontra l-*bluetongue*. L-għajnuna ngħatat direttament lill-manufatturi tat-tilqima. Il-produtturi għalhekk se jirċievu t-tilqima bil-prezz imraħħas meta mixtrija mingħand veterinarju u tingħata bħala servizz issussidjat li ma jinvolvix ħlas dirett ta' flus lill-produtturi.

Il-bdiewa jistgħu jagħtu t-tilqima huma stess, għajr meta jkun speċifikament meħtieġ li tingħata u tiġi ċċertifikata minn veterinarju.

Huwa mistenni li t-tilqim kollu jintuża matul din l-iskema.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.5605 – Credit Mutuel/Monabanq)

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 189/09)

1. Fl-4 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Banque Federative du Credit Mutuel S.A. ("Credit Mutuel", Franza) takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll sħiħ tal-impriża Monabanq. ("Monabanq", Franza), permezz tal-akkwist ta' ishma..

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża Credit Mutuel: prodotti u servizzi assoċjati mas-setturi tal-bank u tal-assigurazzjoni l-iktar fi Franza,

— Għall-impriża Monabanq: Attività fis-servizzi bankarji ġenerali, u fl-assigurazzjoni, l-aktar fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5605 – Credit Mutuel/Monabanq, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI

## Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel

(2009/C 189/10)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**Applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 9**

**"PROSCIUTTO DI CARPEGNA"**

**Nru tal-KE: IT-PDO-0105-1496-02.03.2007**

**IĠP ( ) DPO ( X )**

1. **Intestatura tal-ispeċifikazzjoni affettwata mill-emenda:**

— ☐ Isem il-prodott

— ☒ Deskrizzjoni tal-prodott

— ☐ Żona ġeografika

— ☐ Prova tal-oriġini:

— ☒ Metodu ta' produzzjoni

— ☐ Rabta

— ☒ Tikkettar

— ☐ Kundizzjonijiet nazzjonali:

— ☐ Oħrajn (għandu jiġi ppreċiżat kif ikun il-każ)

2. **Tip ta' emenda:**

— ☐ Emenda tad-dokument uniku jew tas-sinteżi

— ☒ Emenda tal-ispeċifikazzjonijiet tad-DPO jew l-IĠP irreġistrata, li għaliha la d-dokument uniku u lanqas is-sinteżi ma ġew ippubblikati

— ☐ Emenda tal-ispeċifikazzjoni li ma għandhiex bżonn emendi tad-dokument uniku ppublikat (l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

— ☐ Emenda temporanja tal-ispeċifikazzjonijiet li tirriżulta mill-adozzjoni ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji obbligatorji mill-awtoritajiet pubbliċi (l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

3. **Emenda/i:**

3.1. *Deskrizzjoni:*

L-emendi miġjuba mhuma xejn ħlief preċiżazzjonijiet biex ikun hemm iktar ċarezza u kompletezza bil-għan li jiġu pprovduti elementi ċerti u definittivi utli għall-attività ta' kontroll li b'hekk jiggarantixxu l-kwalità sħiħa tal-prodott. Għalhekk ġew iċċarati xi wħud mill-valuri fiżiċi, organolettiċi u kimiċi f'forma iktar prattika u ċara.

B'mod partikolari kienet emendata t-taqsima li għandha x'taqsam mal-piż u mal-konsistenza tal-perżut (*prosciutto*) lest.

Barra minn hekk kien meħtieġ li ssir riformulazzjoni tal-indikazzjoni preċedenti tal-valuri medji, massimi u minimi tal-NaCl, il-kontenut tal-ilma, u l-proteolisi għal deskrizzjoni ta' valuri iktar organika u fuq kollox iktar koerenti mal-kultura teknoloġika stabbilita fl-aħħar snin.

3.2. *Metodu ta' produzzjoni:*

Sabiex jingħata parametru oġġettiv li jissodisfa kemm it-tradizzjoni kif ukoll ir-rekwiżiti effettivament osservati, kien xieraq li ssir riformulazzjoni tal-Artikolu 2, id-deskrizzjoni tal-piż tal-koxox friski li ma "tistax tkun inqas minn 12-il kilo"

Saru xi emendi fl-Artikolu 4 rigward il-metodu ta' preparazzjoni.

Partikolarment, it-terminu "72 siegħa" rigward il-konsenja tal-materja prima ġie sostitwit b'wieħed iktar adegwat ta' "96 siegħa", sabiex ir-regoli tal-produzzjoni jinġiebu konformi ma' dawk ta' prodotti oħrajn fl-istess kategorija kummerċjali. Għalhekk, huwa speċifikat li fil-fajls oriġinali li fuqhom huwa bbażat l-għarfien ta' prieżet oħrajn, it-terminu massimu awtorizzat bejn il-fażi tal-qtil u dik ta' preparazzjoni jiġi ffissat għal "120 siegħa".

Sabiex jitħaffu l-kontrolli, il-firxa relattiva tat-temperatura kkontrollata tal-ambjent fejn iridu jiġu ppriservati l-koxox jekk ma jiġux ipproċessati minnufih wara l-konsenja sa meta jaslu fl-istabbiliment tal-produzzjoni ġiet speċifikata bħala "bejn -1 °C u +4 °C".

Skont il-metodi tradizzjonali ta' trattament użati effettivament, huwa stabbilit li t-tul tal-ewwel tmelliħ għandu jkun ta' massimu ta' 7 ijiem u mhux "għal sebat ijiem". kif indikat fil-verżjoni preċedenti. Huwa speċifikat ukoll li l-kundizzjonijet ambjentali tal-miksaħ irid ikollhom "temperatura ta' mhux inqas minn 0 °C u umdità għolja" u mhux sempliċiment "temperatura u umdità relattiva kkontrollata"..

Tnaqqas it-tul tat-tieni tmelliħ għal 11-il ġurnata minħabba li t-terminu preċedenti ffissat għal "12-14-il ġurnata" kien jidher twil iżżejjed. Din l-emenda tippermetti li jsir xogħol li jirrispetta t-tradizzjoni u fl-istess ħin ikun kompatibbli mal-esiġenzi tal-produzzjoni li ma jistgħux jiġu injorati.

Biex jitħarsu l-kwalitajiet iġeniċi u sanitarji tal-proċess produttiv, li diffiċli jaqblu mal-ipotesi ta' titqib l-għadma bħala parti mill-ipproċessar, kien meħtieg li ssir riformulazzjoni tad-deskrizzjoni tal-irbit u li jiġi speċifikat mod ieħor, jiġifieri "ħabel mibrum ingassa fuq in-naħa ta' fuq tas-sieq (*gambo*)"

Biex tingħata indikazzjoni iktar preċiża u li mhijiex suxxetibbli għal interpretazzjoni dubjuża, fl-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni dwar il-perjodu ta' maturazzjoni, l-espressjoni "medjament 14-il xahar u qatt inqas minn 12" inbidlet u saret "li ma jdumx inqas minn 13-il xahar" biex b'hekk jiġi ċċarat ir-rekwiżit minimu meħtieġ għal finijiet tat-tradizzjoni.

3.3. *Tikkettar:*

Biex issir iktar faċli li l-prodott jingħaraf mill-konsumatur finali, kien meħtieġ li tiddaħħal il-marka ta' identifikazzjoni bil-kitba "Prosciutto di Carpegna" mikwija fuq il-laħam.

L-emenda tal-ispeċifikazzjoni hija proposta mill-azjenda San Leo Carpegna Srl, ibbażata f'Carpegna 61021(PU) – Via Petricci, li għandha interess leġittimu minħabba li hija l-unika produttur rikonoxxut u li qed jaħdem fil-produzzjoni tal-"Prosciutto di Carpegna" DPO.

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"PROSCIUTTO DI CARPEGNA"**

**Nru tal-KE: IT-PDO-0105-1496-02.03.2007**

**IĠP ( ) DPO ( X )**

1. **Isem:**

"Prosciutto di Carpegna"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz:**

L-Italja

3. **Id-deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-ikel:**

3.1. *It-tip ta' prodott [l-Anness II]:*

Klassi 1.2 Prodotti magħmulin mil-laħam (imsaħħnin, immellħin, affumikati, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem ta' (1):*

Il-"Prosciutto di Carpegna" huwa perżut nej immaturat, li jinkiseb mill-koxox tal-majjal tqil u li l-perjodu ta' maturazzjoni tiegħu jdum mill-inqas 13-il xahar fl-inħawi taż-żona ġeografika delimitata.

Wara tmiem l-ipproċessar, il-"Prosciutto di Carpegna" jippreżenta ruħu f'forma ġejja għat-tond, ċatta aktar milli sferika, b'saff ta' biżżejjed xaħam fil-parti opposta tal-ġenba u li tiżen mhux inqas minn 8 kg.

Id-dehra meta jinqata' tkun ta' kulur li jagħti fir-roża u lewn is-salamun, bi kwantità adegwata ta' xaħam solidu, ta' kulur abjad jew abjad fir-roża. Għandu riħa delikata u penetranti ta' laħam immaturat, togħma delikata u mfewħa, u l-konsistenza tal-laħam tarija u elastika.

Il-karatteristiċi kimiċi u kimiko-fiżiċi huma: il-perċentwal tal-kontenut tal-ilma ikun bejn 57-63 %; il-proporzjon melħ/ilma (kwozjent tal-proporzjoni bejn il-perċentwal tal-kompożizzjoni tal-klorur tas-sodju u l-perċentwal tal-kontenut tal-ilma) bejn 7.8 u 11.2; il-proporzjon ilma/protejini (kwozjent tal-proporzjon bejn il-perċentwal tal-kontenut tal-ilma u l-perċentwal tat-total tal-protejini) bejn 1.9 u 2.5 u l-indiċi ta' proteolisi (perċentwal tal-frazzjoni tan-nitroġenu solubbli fl-aċidu trikloroaċetiku – TCA li jirreferu għal kontenut totali ta' nitroġenu) mhux inqas minn 24 u mhux iktar minn 31.

Il-"Prosciutto di Carpegna" jista' jinħareġ għall-konsum sħiħ, bla għadam – kemm pressat kif ukoll "all'addobbo", jiġifieri wara li titneħħhielu l-kisja kollha li tkun ġiet applikata waqt il-maturazzjoni u l-partijiet tax-xaħam esterni u superfluwi – u maqtugħ porzjonijiet wara li jitqatta' f'fetet u jiġi ppakkjat f'vakum jew f'atmosfera modifikata. Biex ikun jista' jitqatta' u jiġi ppakkjat il-"Prosciutto di Carpegna", irid ikun ilu jimmatura mill-inqas 14-il xahar.

3.3. *Il-materja prima (għall-prodotti proċessati biss):*

Biex isir il-"Prosciutto di Carpegna" jintużaw biss koxox friski miksuba minn ħnieżer imwielda, mrob-bija u maqtula fit-territorju tar-reġjuni tal-Lombardia, l-Emilia-Romagna u l-Marche, minn ifħla tar-razez Large White Taljana, Landrace Taljana u Duroc Taljana jew ta' razez oħra jew ibridi kompatibbli mal-preskrizzjonijiet tal-Reġistru tar-Razza Taljan għal ħanżir tqil; huma madankollu esklużi bhejjem li jirriproduċu tar-razez puri tal-Landrace Belġjana, Hampshire, Pietrain, Duroc u Spotted Poland kif ukoll dawk b'karatteristiċi antiteċi l-aktar dawk suxxettibbli għall-istress (PSS);

Il-karatteristiċi tal-ħanżir tqil magħżul mir-Reġistru tar-Razza Taljan jaqblu mat-termini definiti fir-Regolament KEE Nru 3220/84 u emendi suċċessivi, li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni kummerċjali tal-karkassi tal-ħnieżer; madankollu, fl-ambitu tal-istess kriterji ta' klassifikazzjoni, huma permessi biss koxox miksuba minn karkassi klassifikati fil-klassijiet ċentrali.

Il-ħnieżer adulti li jintużaw fil-preparazzjoni tal-materja prima tal-"Prosciutto di Carpegna" jintbagħtu għall-qatla – biex jinqatlu irid ikollhom piż ħaj ta' mhux inqas minn 160 kg, b'10 % iktar jew inqas, u jrid ikollhom mill-inqas għaxar xhur – bi prova adegwata tal-oriġini u l-provenjenza; għalhekk jinkisbu u jintużaw koxox mirquma (b'qatgħa qasira) b'piż ta' kull unità ta' mhux inqas minn 12 kg u b'kisja ħoxna xierqa ta' xaħam jgħatti.

Il-kunsinna tal-koxox fl-azjenda ta' produzzjoni ssir fi żmien 96 siegħa mill-qatla.

3.4. *L-għalf tal-bhejjem (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

L-esiġenzi li għandhom x'jaqsmu mal-ispeċifiċità tat-tip ġenetiku użat u l-użu aħħari tal-materja prima miksuba minn karkassi ta' ħnieżer tqal meħtieġa għal produzzjoni tal-Prosciutto di Carpegna jinkludu metodi ta' trobbija u tal-għalf ta' bhejjem li ġejjin mit-tradizzjoni antika Taljana, li żviluppat metodi maħsuba biex jinkiseb tkabbir moderat fuq perjodu estiż ta' żmien, kif ukoll piż tal-unità għoli. Dawn ir-rekwiżiti jinkisbu billi jiġi kkordinati l-għanijiet tas-selezzjoni ġenetika, l-età minima u l-piż medju tal-bhejjem għall-qatla, bi programm xieraq ta' tagħlif.

F'dan il-kuntest, skont kif preskritt fl-ispeċifikazzjoni, l-għalf permess, il-kwantitajiet tiegħu u metodi ta' kif jingħata huma ddifferenzjati skont il-fażi tat-trobbija, l-età u l-piż tal-bhejjem.

L-ewwel fażi (sa piż ta' 80 kilogramm) tipprevedi l-preżenza ta' sustanza niexfa ta' ċereali ta' mhux inqas minn 45 % tat-total, taħlita ta' laħam u għadam mitħun f'każ li dan ikun ta' kwalità tajba biss u jekk awtorizzat mir-regoli Komunitarji (sa 2 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf), taħlita ta' ħut mitħun (sa 1 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf), xorrox tal-butir (sa massimu ta' 6 litri lil kull annimal kuljum), lipidi b'punt ta' tidwib li huwa iktar minn 36 °C (sa 2 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf), liżati proteċi (sa 1 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf), qamħirrum maħżun tas-sajlos (sa 10 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf)

It-tieni fażi (is-simna) tinkludi fl-għalf il-preżenza ta' sustanza niexfa ta' ċereali ta' mhux inqas minn 55 % tat-total, patata diżidrata (sa 15 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf), manjoka (sa 5 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf), polpa tax-xitel tal-pitravi supressata u maħżuna f'sajlo (sa 15 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf), kejkijiet taż-żerriegħa tal-għażel (sa 2 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf), polpa niexfa tal-pitravi (sa 4 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf), residwi tat-tuffieħ u l-lanġas, qxur tal-għeneb jew tat-tadam użati bħala żieda għas-supplimenti (sa 2 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf) xorrox, xorrox tal-butir, taħlita diżidrata tal-alfalfa; għasel iswed (sa 5 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf), taħlita ta' estrazzjoni tas-soja, tal-warda tax-xemx, tal-ġunġlien (minn 3 % sa 15 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf), tal-ġewż tal-Indi, taż-żerriegħa tal-qamħirrum, tal-piżelli u/jew żerriegħa tal-legumi (sa 5 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf) ħmira tal-birra u/jew ħmira tal-ġenus tat-torula, lipidi b'punt ta' tidwib ta' iktar minn 40 % (sa 2 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf)

Preferibbilment l-għalf, ibbażat fuq iċ-ċereali, jiġi ppreżentat f'forma likwida (brodu jew tgħasida) u, tradizzjonalment, bix-xorrox tal-ħalib. Sabiex jinkiseb xaħam tal-kisja ta' kwalità tajba, hija permessa l-preżenza massima ta' 2 % tas-sustanza niexfa ta' aċidu linolejku fl-għalf li jingħata. Ix-xorrox u x-xorrox tal-butir, rispettivament sottoprodotti mill-ħidma tal-baqta u tal-butir, ma jistgħux jaqbżu il-15-il litru, meta jingħaddu flimkien, għal kull annimal kuljum. Jekk il-kontenut ta' nitroġenu ikun ġej mill-qamħ niexef tad-distillatur dan għandu jkun inqas minn 2 %. Fl-aħħar, il-patata diżidrata u l-manojka, mogħtija flimkien, ma jistgħux jaqbżu il-15 % tas-sustanza niexfa tar-razzjon tal-għalf. Miżuri dwar l-implimentazzjoni tal-ispeċifikazzjoni ġew definiti fis-sistema uffiċjali ta' kontroll.

3.5. *Il-fażijiet speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika identifikata:*

Il-proċess tal-produzzjoni u tal-maturazzjoni tal-"Prosciutto di Carpegna" DOP irid isir fit-territorju tal-komun taċ-ċensiment u amministrttiv ta' Carpegna, fil-provinċja ta' Pesaro-Urbino, reġjun Marche.

3.6. *Ir-regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.:*

Il-"Prosciutto di Carpegna" jitqiegħed fis-suq sħiħ, bl-għadam jew mingħajr għadam kif ukoll imqatta' u ppakkjat. Jekk ikun mingħajr għadam, jista' jigi ppreparat "ippressat" jew "all'addobbo" wara li jitneħħielu l-kisi u x-xaħam estern u superfluwu (id-differenza hija dovuta għall-metodi ta' preżentazzjoni finali tal-perżut dejjem mingħajr għadam, li jista' jiġi ppakkjat f'vakum wara li jkun ippressat fil-wiċċ b'mod mekkaniku jew wara li jintrabat il-laħam li x'aktarx ikun imkebbeb). Jekk jitqatta' minn qabel,

jista' mbagħad jitqiegħed kemm f'vakum kif ukoll f'atmosfera modifikata; f'dawn il-każijiet, il-perżut irid dejjem ikun għadda minn perjodu ta' maturazzjoni ta' 14-il xahar.

Il-fażijiet tat-tqattigħ f'porzjonijiet jew flieli u l-ippakkjar u l-operazzjonijiet marbutin mal-għoti tad-DPO lill-perżut immaturat jistgħu jsiru kullimkien sakemm dawn l-operazzjonijiet ma jbiddlux il-karatteristiċi kimikċi, fiżiċi u organolettiċi tal-prodott protett u sakemm ikunu adattati biex jiżguraw l-identifikazzjoni ċerta u t-t-traċċabbiltà tiegħu.

3.7. *Ir-regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:*

Il-"Prosciutto di Carpegna" jitqiegħed għall-konsum bit-tikketta proprja tiegħu bil-kitba "Prosciutto di Carpegna" mikwija fuq il-laħam.

Id-deskrizzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Prosciutto di Carpegna" trid ssir b'tipa ċara li ma titħassarx, li tingħaraf sew minn kull kitba oħra li tidher fuq it-tikketta u eżatt warajha trid tidher il-kitba "Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta".

Dawn l-indikazzjonijiet jakkumpanjaw il-logo tad-denominazzjoni. Ma tista' tiżdied l-ebda kwalifikazzjoni li ma tkunx espressament prevista.

4. **Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika:**

Il-produzzjoni tal-"Prosciutto di Carpegna" trid issir fiż-żona ta' produzzjoni tradizzjonali, fil-limiti tal-komun taċ-ċensiment u amministrattiv ta' Carpegna, provinċja ta' Pesaro-Urbino, reġjun Marche, bl-użu tal-materja prima miksuba minn ħnieżer imwielda, mrobbija u maqtula fit-territorju tar-reġjuni tal-Marche, Emilia-Romagna u Lombardia. Japplikaw il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006);

5. **Ir-rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *L-ispeċifiċità taż-żona ġeografika:*

Iż-żona ta' produzzjoni tal-"Prosciutto di Carpegna" tinsab fir-reġjun tal-Marche, fit-territorju tal-provinċja ta' Pesaro-Urbino, fejn il-komun ta' Carpegna li għandu il-koordinati kartografiċi li ġejjin u karatteristiċi ġeografiċi:

— koordinati: 43°47'N 12°20'E

— erja: 28.3 kilometri kwadri

— għoli massimu fuq il-livell tal-baħar: 748 metri

— għoli massimu: 1 415 metri

— medda altimetrika: 1 015 metri

— abitanti (21.12.2007): 1 657

Carpegna tinsab fuq il-konfini tat-Tramuntana tal-parti ċentrali tal-peniżola, it-territorju tagħha jinsab fil-perimetru tal-Park Naturali tas-Sasso Simone u Simoncello, il-muntanja li tokkupa n-naħa ta' Nofsinhar f'distanza ta' madwar ħamsin kilometru 'l bogħod mill-Baħar Adrijatiku, mhux bogħod mid-distrett ta' San Marino. F'nofs il-ħdura tal-boskijiet tal-fagu li jikkarratterizzaw il-flora lokali, il-pożizzjoni tiegħu rispettivament mal-ewwel għojiet tal-Appennini, il-post jiżgura kenn mill-irjieħ kiesħa tat-Tramontana u tal-Bora, li jiddeterminaw il-karatteristiċi kostanti tal-mikroklima tal-lokal, ikkaratterizzat mill-qrubija relattiva tal-baħar, mill-altitudni, mill-ventilazzjoni moderata, min-nuqqas ta' umdità qiegħda f'żoni ġeomorfoloġikament imbattla mill-ilma u, għalhekk, f'ambjent partikolarment ekwilibrat u mmarkat minn kundizzjonijiet ta' sjuf moderati u xotti, li stabbilixxew minn żmien ilu t-territorju bħala destinazzjoni mill-aqwa għas-saħħa u l-benessri.

5.2. *L-ispeċifiċità tal-prodott:*

Minbarra r-rekwiżiti ta' konformità tal-materja prima, tal-proċess tal-produzzjoni u tal-kwalifikazzjoni finali tal-prodott immaturat, karatteristiċi speċifiċi oħrajn li jistħoqqilhom li jissemmew:

— l-użu ta' koxox miksuba minn ħnieżer ta' età ta' mhux inqas minn għaxar xhur, li tinvolvi l-użu ta' laħmijiet maturi u iktar adattati għal maturazzjoni fit-tul,

— l-użu ta' tekniki manwali biex il-perżut jissawwat, jitnaddaf u jinkesa biex ikun lest għal fażi tal-maturazzjoni,

— il-projbizzjoni ta' addittivi kimiċi ta' kwalunkwe tip u fi kwalunkwe fażi tal-preparazzjoni (ħlief l-użu tal-klorur tas-sodju għat-tmelliħ tal-bidu),

— l-użu tal-klorur tas-sodju tal-baħar (melħ tal-baħar) biss, mitħun u niexef, għat-tmelliħ tal-koxox friski,

— l-użu ta' koxox friski mkessħa imma mhux iffriżati, ta' daqs xieraq għall-età minima tal-ħanżir,

— il-kunsinna tal-koxox fl-azjenda ta' produzzjoni tal-perżut issir fi żmien 96 siegħa mill-qatla,

— it-tul tal-proċess sħiħ, li jipprevedi t-tlestija tal-maturazzjoni mhux qabel ma jgħaddu 13-il xahar mill-bidu tax-xogħol,

— in-nuqqas ta' melħ fil-perżut – ċertifikat mir-rapporti ta' kontroll tal-parametri kimiċi li jridu jsiru fl-aħħar tal-maturazzjoni - li jiddistingwih, b'mod oriġinali u speċifiku, minn prodotti oħra simili prodotti fiċ-ċentru tal-Italja.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għal DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott (għal IĠP):*

Ir-rekwiżiti ġeoambjentali taż-żona ta' Carpegna, fil-qalb ta' Montefeltro u l-Park Naturali tiegħu, jiddefinixxu l-kuntest irriproduċibbli tal-fatturi mikroklimatiċi favorevoli għall-maturazzjoni tal-laħam u bħala tali, ġew skoperti u "użati" mill-bniedem sa minn żminijiet antiki. F'dan ir-rigward, wieħed irid iqis li r-rabta tal-lokal mal-produzzjoni tal-laħam tal-majjal u t-territorju tal-produzzjoni hija dokumentata sa mir-Rinaxximent, meta, wara li s-Sinjur ta' Cesena Malatesta Novello ċeda s-salini ta' Cervia (1468) lir-Repubblika ta' Venezja, sar riferiment speċifiku għaż-żamma tad-dritt li jintuża liberament il-melħ mill-kontea ta' Carpegna. Il-ventilazzjoni moderata iżda li tippersisti u li ssaffi fuq Carpegna ż-żiffiet li jkunu ġejjin mill-Adrijatiku – imwaqqfin fl-altitudnijiet, imma wara l-kenn tal-ewwel għoljiet tal-Appennini – tinfirex l-essenza tal-mikroflora speċifika tal-muntanji tal-Mediterran fiż-żona li tiġbor fiha fagu, siġar tal-karpin, ilċi, u fjurdulis, ġilju, anemoni u għadd ta' speċi ta' orkidea, li jinsabu konservati sa minn sekli ilu fil-Park.

Dawn il-fatturi influwenzaw ir-regolazzjoni tal-attività tal-enżimi tal-laħam, li tattiva ruħha anke minkejja l-preżenza skarsa tal-komponent tal-melħ, permezz tal-maturazzjoni li tgawdi minn esponiment twil għall-kundizzjonijiet naturali tal-post (il-maturazzjoni), li għandhom rabtiet diretti mal-konsistenza u mal-karatteristiċi organolettiċi tal-perżut.

Matul iż-żmien, l-esiġenza ta' materja prima li konsegwentement hija xierqa għal maturazzjoni naturali u fit-tul mingħajr l-użu eċċessiv tal-melħ jew ta' sustanzi aromatizzanti, rawmet it-tradizzjoni tat-trobbija ġiegħlet tal-ħanżir tqil Taljan, li tul is-sekli nxterdet gradwalment miż-żona oriġinali u ewlenija ta' żvilupp fl-Italja Ċentrali sal-pjanura Padana (il-wied tal-Po), minħabba ċ-ċaqliq tal-bhejjem. Dan iċ-ċaqliq stabbilizza ruħu fiż-żminijiet tal-lum, wara l-imxijiet tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:**

Din l-amministrazzjoni nediet il-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni għall-proposta ta' emenda tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Prosciutto di Carpegna", diġà rreġistrata skont ir-Regolament (KEE) Nru 2081/92 wara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana Nru 86 tat-12 ta' April 2006.

It-test sħiħ tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab disponibbli:

— fuq dan il-link

http://www.politicheagricole.it/DocumentiPubblicazioni/Search_Documenti_Elenco.htm?txtTipo Documento=Disciplinare%20in%20esame%20UE&txtDocArgomento=Prodotti%20di%20Qualit%E0> Prodotti%20Dop,%20Igp%20e%20Stg

jew

— billi wieħed jidħol direttament fil-paġna ewlenija tal-websajt tal-Ministeru (http://www.politicheagricole.it) u jikklikkja fuq "Prodotti di Qualità" (fuq ix-xellug tal-iskrin) u mbagħad fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE [regolamento (CE) n. 510/2006]".

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel**

(2009/C 189/11)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"YORKSHIRE FORCED RHUBARB"**

**Nru KE: UK-PDO-0005-0633-19.07.2007**

**IĠP ( ) DPO ( X )**

1. **Isem:**

"Yorkshire Forced Rhubarb"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz:**

Ir-Renju Unit

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *It-tip ta' prodott:*

Klassi 1.6: Frott, ħaxix u ċereali friski jew ipproċessati

3.2. *Id-deskrizzjoni tal-prodott li japplika għalih l-isem f'(1):*

Iz-zkuk twal u rqaq tar-rabarbru, magħrufa bħala zkuk tal-weraq (petiole), ivarjaw minn roża għal ħomor bħala kulur b'werqa safra kumpatta (normalment il-weraq jitneħħew għal bejgħ fis-supermarkits). Il-kulur kark, li jvarja mill-kulur roża bħas-salamun għal aħmar demm, jiddependi fuq il-varjetà; ir-rata tat-tkabbir, it-temperatura użata u kemm ikun ħa ilma. Fil-qiegħ, fejn iz-zkuk kienu mqabbdin mas-sistema tal-għeruq, it-truf huma bojod.. Iz-zkuk minn ġewwa huma bojod u mlaħħmin. Għandhom togħma qawwija, kemxejn aċiduża, b'aroma delikata. Il-kwalitajiet kimiċi u mikrobioloġiċi tar-rabarbru ta' ġewwa fihom l-aċidu ossaliku, il-kalċju fil-forma ta' ossalat tal-kalċju, il-potassju, u l-estroġenu tal-pjanti. Il-kulur tal-Yorkshire Forced rhubarb jisbieħ bil-proċess tekniku u l-assenza tad-dawl u dawn jipproduċu rabarbru b'qoxra rqiqa ħafna bil-laħam ta' ġewwa abjad. Meta jissajjar, il-Yorkshire Forced rhubarb huwa tari ħafna, u l-aroma hija aktar delikata u anqas aċiduża minn rabarbru ieħor, minħabba tekniki ta' produzzjoni differenti u sustanzi organiċi għall-pjanti lokali u tradizzjonali inkluż fdalijiet tas-suf "shoddy", li huma speċifiċi għaż-żona.

Il-produtturi tal-Yorkshire Forced Rhubarb ma jippermettux li d-dawl jinteraġixxi mal-pjanti meta dawn ikunu fl-istruttura għall-kultivazzjoni, biex jevitaw il-fotosinteżi, li ġġiegħel lill-fibri jiħraxu u jeħxienu u dan jirriżulta f'aroma aktar aċiduża.

Il-produtturi jaħsdu l-prodott fid-dawl tax-xemgħa kull fejn possibbli biex dan ir-riskju jitnaqqas kemm jista' jkun. Koltivazzjoni mgħaġġla wisq fl-istrutturi, tirriżulta wkoll f'telf fl-aroma, għalhekk fit-Triangolu jippreferu jħallu l-pjanti jikbru sew għal perjodu ta' bejn sitta u disa′ ġimgħat qabel l-ewwel ħsad.

Il-Varjetajiet li Jixxettlu fl-Istrutturi għall-kultivazzjoni li attwalment jintużaw fit-Triangolu huma:

Timerley Early

Stockbridge Harbinger

Reeds Early Superb/Fenton's Special (Meqjusin l-istess)

Prince Albert

Stockbridge Arrow

Queen Victoria

Din il-lista mhix eżawrenti u jistgħu jintużaw varjetajiet oħra fil-ġejjieni.

3.3. *Il-materja prima:*

Mhux applikabbli

3.4. *Ikel għall-pjanti (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

Mhux applikabbli

3.5. *Il-fażijiet speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika identifikata:*

Kull fażi fil-produzzjoni tal-Yorkshire Forced Rhubarb iseħħ fiż-żona definita fil-punt 4. Dawn jinkludu l-propagazzjoni tal-għeruq. Il-ħsad isir fid-dawl tax-xemgħa biex jitnaqqas ir-riskju kemm jista' jkun ta' fotosinteżi li jaffettwa l-għamla u l-aroma tar-rabarbru.

3.6. *Ir-regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.:*

—

3.7. *Ir-regoli speċifiċi dwar it-tikkettar:*

Ma hemm l-ebda restrizzjoni speċifika dwar l-ippakkjar. Jitqiesu r-regolamenti eżistenti dwar it-tikkettar tal-ikel u r-rekwiżiti tal-bejjiegħa. Jintuża l-isem "Yorkshire Forced Rhubarb".

4. **Definizzjoni Konċiża taż-żona ġeografika:**

Iż-żona ġeografika tal-produzzjoni tkopri l-konfini ta' Leeds, Wakefield u Bradford u tinsab fil-ġenb u l-kenn tal-Pennines. Iż-żona tifforma triangolu u storikament hija magħrufa bħala "The Rhubarb Triangle" (it-Triangolu tar-Rabarbru). Iż-żona ġeografika eżatta tibda mit-tramuntana ta' Ackworth Moor Top, tkompli tul l-A628 sa Featherstone u Pontefract. Imbagħad tkompli tul l-A656 minn ġo Castleford. Tkompli sejra lejn il-punent tul l-A63 minn Garforth u West Garforth. Titla′ lejn it-tramuntana u tgħaddi minn Whitkirk, Manstom u tkompli lejn l-A6120 minn Scholes. Tieħu d-direzzjoni tal-punent tul l-A6120, iddur biex tgħaddi minn Farsley, u imbagħad fid-direzzjoni tal-lbiċ tul l-A647 għal ġo l-A6177. Tgħaddi minn Dudley Hill biex tilħaq in-nofs-in-nhar tal-M606. Fil-konessjoni 26, tieħu l-M62 lejn in-nofs-in-nhar lejn il-konessjoni 25, tkompli fid-direzzjoni tal-lvant tul l-A644 lejn Dewsbury, tgħaddi minn Mirfield, biex taqbad l-A638 lejn Wakefield. F'Wakefield taqbad l-A638 lejn in-nofs-in-nhar, fid-direzzjoni ta' Ackworth Moor top.

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *L-ispeċifiċità taż-żona ġeografika:*

Il-produtturi ta' Yorkshire kienu ċentralizzati fuq il-ħamrija adattata bejn Leeds, Wakefield u Bradford, li bdiet tissejjaħ "it-Triangolu tar-Rabarbru". Minħabba l-pożizzjoni tat-Triangolu tar-Rabarbru għall-kenn ta' taħt il-Pennines, ma tilħqux il-ġlata. Din il-pożizzjoni ġeografika għandha valur kbir għall-produtturi, billi tipprovdi l-kundizzjonijiet perfetti tat-temp meħtieġa għall-pjanta.

Ħafna xita u perjodi ta' irqad bikrija u estiżi fit-tkabbir tal-għeruq huma meħtieġa għal ksur bikri tar-raqda mingħajr ħsara għall-kwalità jew il-ħsad. Il-ħamrija trid tiġi ppreparata tajjeb b'fond biżżejjed biex jippermetti li jikbru l-għeruq estensivi. Livelli tajbin ta' umdità huma importanti, iżda umdità żejda tista' tħassar l-għeruq. Ħamrija li żżomm l-umdità hija tajba għal żewġ raġunijiet: l-ewwel għal meta taqbad il-pjanta, biex tgħin it-tkabbir, u t-tieni biex iżżomm livelli ta' temperatura baxxi meħtieġa kemm għall-ħtiġijiet naturali tal-pjanta u kif ukoll għall-konverzjoni tal-enerġija maħżuna. Dan huwa kruċjali għall-kwalità taz-zkuk tal-weraq tar-rabarbru kkoltivati b'dan il-mod. Perjodu insuffiċjenti tal-irqad waqt li l-għerq ikun jgħix barra bi preparazzjoni għall-għan ta' tħawwil fl-istrutturi għall-kultivazzjoni, jirriżulta fi ħsad baxx, kwalità u aroma fqira, u dħul li ma jkoprix l-ispejjeż tal-produzzjoni.

L-industrija tqila fiż-żona kkawżat ambjent li jgħin lill-pjanti jiefqu jikbru kmieni fil-ħarifa. Fuq il-ħamrija tferrxu, b'mod estensiv, ġmied u rmied miksuba mill-industrija lokali, u mill-ċmieni tal-popolazzjoni kbira tal-lokal bir-riżultat ta' depożiti tal-kubrit fil-ħamrija li jgħinu ħafna t-tkabbir tar-rabarbru.

Billi l-produtturi ta' Yorkshire konsistentament kellhom il-prodott lest ħafna aktar kmien minn postijiet oħrajn tal-pajjiż, eventwalment produtturi f'partijiet oħrajn tal-pajjiż waqqfu l-produzzjoni għal kollox billi ma setgħux jikkompetu mal-produtturi ta' Yorkshire li kellhom tali kundizzjonijiet tajbin, u kienu żviluppaw is-sengħa tat-tkabbir li wasslet għal zkuk tal-weraq li għalihom saru magħrufa l-produtturi tal-Yorkshire Forced rhubarb.

L-isem Yorkshire Forced Rhubarb kien użat ġeneralment mill-produtturi meta kienu jikkummerċjalizzaw il-prodott fis-swieq bl-ingrossa sa mill-1877. Dan kien is-suq normali dak iż-żmien għal prodotti friski fil-pajjiż kollu.

5.2. *L-ispeċifiċità tal-prodott:*

Iz-zkuk twal u rqaq tar-rabarbru, magħrufa bħala zkuk tal-weraq (petiole), ivarjaw minn roża għal ħomor bħala kulur b'werqa safra kumpatta. Il-kulur kark, li jvarja mill-kulur roża bħas-salamun għal aħmar demm, jiddependi fuq il-varjetà. Fil-qiegħ, fejn iz-zkuk kienu mqabbdin mas-sistema tal-għeruq, it-truf huma bojod. Iz-zkuk minn ġewwa huma bojod u mlaħħmin. Il-kwalitajiet kimiċi u mikrobioloġiċi tar-rabarbru mkabbar b'dan il-mod fihom l-aċidu ossaliku, il-kalċju fil-forma ta' ossalat tal-kalċju, u l-estroġenu tal-pjanti. Il-kulur tal-Yorkshire Forced rhubarb jisbieħ bil-proċess tekniku li jipproduċi wkoll qoxra rqiqa ħafna bil-laħam ta' ġewwa abjad. Meta jissajjar, ir-Rabarbru mkabbar b'dan il-mod huwa tari ħafna u l-aroma hija delikata u kemxejn aċiduża. L-aroma ġejja minn tekniki ta' produzzjoni u sustanzi organiċi għall-pjanti lokali u tradizzjonali, inkluż fdalijiet tas-suf, li huma speċifiċi għaż-żona.

L-għeruq l-ġodda jixxettlu permezz ta' propagazzjoni jew qsim mir-riżervi tagħhom stess, li jirriżulta fi pjanti ġodda msejħa "settijiet tar-rabarbru". Il-ħażniet tal-għeruq jintirtu fil-familja għal ġenerazzjonijiet jew jinxtraw minn produtturi oħrajn. L-unika mezz biex tinkiseb ħażna ġdida huwa minn għeruq li jkun inqata' minn pjanta ġenitur, billi għalkemm huwa possibbli li r-rabarbru jitkabbar minn żerriegħa, dan ma jiggarantix razza pura u mhux ikkontaminata minħabba d-dakkir minn pjanta għal oħra. Huwa biss bil-qsim tal-għeruq minn stokk attwali li tista' tkun żgurata l-purezza tar-razza iżda dan jeħtieġ esperjenza sinifikanti biex jitwarrbu l-pjanti morda jew mhux puri. L-istess ħażna tal-għeruq tinqasam fil-varjetajiet rispettivi li jinżammu f'għelieqi separati.

Għeruq mhux mixtrija mit-Triangolu tar-Rabarbu jridu jkunu tkabbru fit-Triangolu għal minimu ta' sentejn – tliet snin bi preparazzjoni qabel ma jitħawwlu fl-istrutturi għall-kultivazzjoni, sabiex l-għeruq ikollhom il-benefiċċju tal-kundizzjonijiet klimatiċi u tal-ħamrija speċifiċi, tant tajbin għat-tkabbir tal-għeruq. L-għeruq jitneħħew mill-għalqa, u jitgħabbew b'attenzjoni bl-idejn fuq trejlers biex jinġarru mill-għalqa għall-istrutturi fejn jitħawlu biex jixxettlu u kull sewwieq jirreġistra t-tagħbija tiegħu u l-għalqa tas-sors tal-għeruq għal kull ġurnata.

5.3. *Ir-rabta każwali bejn iż-żona ġeografika u kwalità speċifika, il-fama jew karatteristika oħra speċifika tal-prodott:*

It-teknika bażika bikrija tat-tkabbir tar-rabarbru barra mill-istaġun beda permezz ta' skoperta aċċidentali f'Chelsea Londra fl-1817, fejn inizjalment kienu jissaħħnu l-għeruq billi jitgħattew b'demel organiku filwaqt li jkun għadhom fl-art. Fl-1877 it-teknika waslet Yorkshire. Dan kien l-ewwel post fid-dinja fejn inbnew strutturi għall-kultivazzjoni speċjali biex isir it-tħawwil għax-xettiel. It-teknika kif għada tintuża llum inħolqot mill-produtturi lokali ta' Yorkshire. Il-ħamrija taż-żona kienet perfetta għat-tkabbir tas-sistemi sostanzjali tal-għeruq meħtieġa biex jipproduċu ħsad li jkopri l-ispejjeż għoljin tal-produzzjoni. Tard fis-seklu dsatax, ir-rabarbru tant sar popolari li kien hemm iktar minn 200 produttur fit-Triangolu biss.

Kienu l-produtturi ta' Yorkshire li żviluppaw l-ewwel it-teknika bażika tat-tkabbir tar-rabarbru barra mill-istaġun fi strutturi għall-kultivazzjoni speċjali. Il-ħamrija taż-żona kienet perfetta għat-tkabbir tas-sistemi sostanzjali tal-għeruq meħtieġa biex jipproduċu ħsad suffiċjenti. Tard fis-seklu dsatax, ir-rabarbru tant sar popolari li kien hemm iktar minn 200 produttur fil-Gran Brettanja. Attwalment, il-produtturi huma bbażati f'Leeds, Wakefield u Bradford, li saret magħrufa bħala t-Triangolu tar-Rabarbru.

Il-ħamrija ta' Yorkshire tippermetti t-tkabbir ta' sistemi kbar u f'saħħithom ta' għeruq b'rimi kbar ewlenin. L-ilma jissaqqa direttament mill-mains matul il-perjodu ta' tkabbir ġewwa. Il-varjetajiet imkabbra u kkultivati speċifikament bi u għall-ħamrija f'din iż-żona ġeografika jipprovdu, bl-għajnuna tal-fatturi kollha li jikkontribwixxu; il-kwalità, it-togħma u l-kulur tal-Yorkshire Forced Rhubarb imkabbra bil-mod tradizzjonali. Il-ħamrija u l-klima fiż-żona huma tajbin għat-tkabbir tas-sistemi sostanzjali tal-għeruq li huma meħtieġa f'dan l-użu ta' barra mill-istaġun.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:**

http://defraweb/foodrin/foodname/pfn/products/index.htm

**Avviż għall-attenzjoni tas-Sur Abd Al-Rahman Al-Faqih dwar l-inklużjoni tiegħu fil-lista msemmija fl-Artikoli 2, 3 u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban**

(2009/C 189/12)

1. Il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/CFSP [1] ssejjaħ lill-Komunità sabiex tiffriża l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' Usama bin Laden, membri tal-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Taliban u individwi, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom oħrajn, imsemmija fil-lista magħmula skont UNSCR 1267(1999) u 1333(2000) li għandha tiġi aġġornata b'mod regolari mill-Kumitat stabbilit skont UNSCR 1267(1999).

Il-lista mfassla minn dan il-Kumitat tan-NU tinkludi:

— Al-Qaida, it-Taliban u s-Sur Usama bin Laden;

— persuni naturali jew legali, entitajiet, korpi u gruppi assoċjati ma' Al Qaida, it-Taliban u s-Sur Usama bin Laden; kif ukoll;

— persuni legali, entitajiet u korpi li huma propjetà ta', li huma kkontrollati minn, jew li b'xi mod ieħor jappoġġjaw lil, xi wieħed jew waħda minn dawn il-persuni, entitajiet, korpi u gruppi.

Atti jew attivitajiet li jindikaw li individwu, grupp, impriża, jew entità hija "assoċjata ma' " Al-Qaida, Usama bin Laden jew it-Taliban jinkludu:

(a) parteċipazzjoni fil-finanzjament, l-ippjanar, l-iffaċilitar, it-tħejjija, jew it-twettiq ta' atti jew attivitajiet minn, flimkien ma', fl-isem ta', jew f'appoġġ għal, Al-Qaida, it-Taliban jew is-Sur Usama bin Laden, jew xi ċellola, affiljata jew grupp li joħroġ minnhom jew li jidderiva minnhom;

(b) forniment, bejgħ jew trasferiment ta' armi u materjal relatat lil xi wieħed minnhom;

(c) reklutaġġ għal xi wieħed minnhom; jew

(d) xi forma oħra ta' appoġġ għall-atti jew l-attivitajiet ta' xi wieħed minnhom.

2. Il-Kumitat tan-NU ddeċieda fis-7 ta' Frar 2006 biex iżid lis-Sur Abd Al-Rahman Al-Faqih mal-lista relevanti.

Il-persuna naturali kkonċernata tista' tissottometti fi kwalunkwe żmien talba lill-Kumitat tan-NU, flimkien ma' kull dokumentazzjoni ta' appoġġ, sabiex terġa' tiġi kkunsidrata mill-ġdid id-deċiżjoni li tiġi nkluża fil-lista tan-NU msemmija aktar 'il fuq. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

United Nations — Focal point for delisting
Security Council Subsidiary Organs Branch
Room S-3055 E
New York, NY 10017
UNITED STATES OF AMERICA

Għal aktar informazzjoni kkonsulta: http://www.un.org/sc/committees/1267/delisting.shtml

3. Skont din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni [2] inkludiet lis-Sur Abd Al-Rahman Al-Faqih fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban [3].

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 4. Il-Pożizzjoni Komuni kif emendata mill-Pożizzjoni Komuni 2003/140/CFSP (ĠU L 53, 28.2.2003, p. 62).
[2] Ir-Regolament (KE) Nru 246/2006 (ĠU L 40, 11.2.2006, p. 13).
[3] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

Il-miżuri li ġejjin tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 japplikaw għall-persuni naturali u legali, il-gruppi u l-entitajiet ikkonċernati:

(a) l-iffriżar tal-fondi, l-assi finanzjarji l-oħra u r-riżorsi ekonomiċi kollha tagħhom, jew miżmuma minnhom, u l-projbizzjoni li jitpoġġew fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi oħra għad-dispożizzjoni tagħhom, jew għall-benefiċċju tagħhom, kemm direttament u kif ukoll indirettament (Artikoli 2 u 2a ([1])); kif ukoll

(b) il-projbizzjoni tal-għoti, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' pariri tekniċi, assistenza jew taħriġ relatati ma' attivitajiet militari lilhom, kemm direttament u kif ukoll indirettament (Artikolu 3).

4. Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Settembru 2008 fil-Kawzi Magħquda C-402/05 P u C-415/05 P, Yassin Abdullah Kadi u l-Fondazzjoni Internazzjonali Al Barakaat vs il-Kunsill, il-Kumitat tan-NU pprovda raġunijiet għall-inklużjoni tas-Sur Abd Al-Rahman Al-Faqih.

Huwa jista' jagħmel talba għar-raġunijiet għall-inklużjoni tiegħu lill-Kummissjoni. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Miżuri ristrettivi
Rue de la Loi/Wetstraat 200
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Wara li ngħatatlu l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar ir-raġunijiet għall-inklużjoni, il-Kummissjoni se terġa' tistudja l-inklużjoni tiegħu fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 u se ssir deċiżjoni ġdida dwaru.

5. Kull dejta personali pprovduta mis-Sur Abd Al-Rahman Al-Faqih se tkun ittrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-dejta ([2]). Kull talba, pereżempju għal aktar informazzjoni jew sabiex jiġu eżerċitati d-drittijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 (pereżempju l-aċċess jew ir-rettifika ta' dejta personali), għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni, fl-istess indirizz imsemmi fil-punt 4 aktar 'il fuq.

6. Għall-korrettezza, qiegħda tinġibed l-attenzjoni tal-persuni naturali elenkati fl-Anness I dwar il-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti, elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni għall-użu tal-fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi oħra ffriżati għal ħtiġijiet essenzjali jew ħlasijiet speċifiċi skont l-Artikolu 2a ta' dak ir-Regolament.

([1]) L-Artikolu 2a ddaħħal mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 561/2003 (ĠU L 82, 29.3.2003, p. 1).
([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

# RETTIFIKA

**Rettifika għall-Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 185, 7 ta' Awwissu 2009)*

(2009/C 189/13)

F'Paġna 13, taħt "2. **Grupp**":

*minflok:* "Indirizz: Viale Europa
LT-04029 Sperlonga
LIETUVA/LITHUANIA

Tel +370 771556388
Feks +370 771556388";

*aqra:* "Indirizz: Viale Europa
04029 Sperlonga LT
ITALIA

Tel. +39 0771556388
Feks +39 0771556388".

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni**

2009/C 189/10 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel ........ 23

2009/C 189/11 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel ........ 29

2009/C 189/12 Avviż għall-attenzjoni tas-Sur Abd Al-Rahman Al-Faqih dwar l-inklużjoni tiegħu fil-lista msemmija fl-Artikoli 2, 3 u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban ........ 33

**Rettifika**

2009/C 189/13 Rettifika għall-Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel *(ĠU C 185, 7.8.2009)* ........ 35

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT